**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2022/0074(COD)**

11.10.2022

# ***I
# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward tad-dixxiplina tas-saldu, il-forniment transfruntier ta' servizzi, il-kooperazzjoni superviżorja, il-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju u r-rekwiżiti għal depożitorji ċentrali tat-titoli ta' pajjiżi terzi
(COM(2022)0120 – C9-0118/2022 – 2022/0074(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Johan Van Overtveldt

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA .....79

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward tad-dixxiplina tas-saldu, il-forniment transfruntier ta' servizzi, il-kooperazzjoni superviżorja, il-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju u r-rekwiżiti għal depożitorji ċentrali tat-titoli ta' pajjiżi terzi (COM(2022)0120 – C9-0118/2022 – 2022/0074(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0120),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0118/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Lulju 2022[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 40 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) L-atti delegati u ta'*** |

[1] ĠU C ... / Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

***implimentazzjoni adottati skont l-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkostitwixxu atti legali tal-Unjoni. Skont l-Artikoli 127(4) u 282(5) TFUE, il-BĊE għandu jiġi kkonsultat fuq kull att propost tal-Unjoni fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu. Infrastrutturi sikuri u effiċjenti tas-swieq finanzjarji u l-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji huma essenzjali għat-twettiq tal-kompiti bażiċi tas-SEBĊ skont l-Artikolu 127(2) tat-TFUE, u l-insegwiment tal-objettiv primarju tagħha li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 127(1) tat-TFUE. Il-BĊE jenħtieġ li jiġi kkonsultat kif xieraq dwar l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda 1 proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. Peress li s-sistemi ta' pagament u saldu jaqgħu fl-oqsma ta' kompetenza konsultattiva tal-BĊE, u minħabba l-għarfien espert tiegħu rigward is-sikurezza u l-effiċjenza tal-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji u l-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, il-BĊE għandu jiġi kkonsultat dwar abbozzi ta' atti tal-Unjoni, inklużi abbozzi ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni, fi ħdan il-qafas tas-CSDR.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 introduċa regoli dwar id-dixxiplina tas-saldu biex jipprevjeni u jindirizza nuqqasijiet fis-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' titoli u għalhekk jiżgura s-sikurezza tas-saldu tat-tranżazzjonijiet. Dawn ir-regoli jinkludu b'mod partikolari r-rekwiżiti ta' rapportar, reġim ta' penali fi flus u xiri sfurzat. Minkejja n-nuqqas ta' esperjenza | (5) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 introduċa regoli dwar id-dixxiplina tas-saldu biex jipprevjeni u jindirizza nuqqasijiet fis-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' titoli u għalhekk jiżgura s-sikurezza tas-saldu tat-tranżazzjonijiet. Dawn ir-regoli jinkludu b'mod partikolari r-rekwiżiti ta' rapportar, reġim ta' penali fi flus u xiri sfurzat. Minkejja n-nuqqas ta' esperjenza |

| | |
|---|---|
| fl-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli, l-iżvilupp u l-ispeċifikazzjoni tal-qafas fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229[40] ippermettew lill-partijiet interessati kollha jifhmu aħjar ir-reġim u l-isfidi li tista' twassal għalihom l-applikazzjoni tiegħu. F'dan ir-rigward, l-ambitu tal-penali fi flus ***u x-xiri sfurzat*** stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġi ċċarat, b'mod partikolari billi jiġi speċifikat liema kategoriji ta' tranżazzjonijiet huma esklużi. Tali esklużjonijiet jenħtieġ li jkopru b'mod partikolari tranżazzjonijiet li naqsu għal raġunijiet mhux attribwibbli għall-parteċipanti u tranżazzjonijiet li ma jinvolvux żewġ partijiet tan-negozjar, li għalihom l-applikazzjoni ta' penali fi flus ***jew ta' xiri sfurzat*** ma tkunx prattikabbli jew tista' twassal għal konsegwenzi detrimentali għas-suq, bħal ċerti tranżazzjonijiet mis-suq primarju, azzjonijiet korporattivi, riorganizzazzjonijiet, il-ħolqien u t-tifdija ta' unitajiet ta' fondi u ***riallinjamenti***. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 billi tispeċifika aktar id-dettalji ta' tali esklużjonijiet permezz ta' att delegat. | fl-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli, l-iżvilupp u l-ispeċifikazzjoni tal-qafas fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229[40] ippermettew lill-partijiet interessati kollha jifhmu aħjar ir-reġim u l-isfidi li tista' twassal għalihom l-applikazzjoni tiegħu. F'dan ir-rigward, l-ambitu tal-penali fi flus stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġi ċċarat, b'mod partikolari billi jiġi speċifikat liema kategoriji ta' tranżazzjonijiet huma esklużi. Tali esklużjonijiet jenħtieġ li jkopru b'mod partikolari tranżazzjonijiet li naqsu għal raġunijiet mhux attribwibbli għall-parteċipanti u tranżazzjonijiet li ma jinvolvux żewġ partijiet tan-negozjar, li għalihom l-applikazzjoni ta' penali fi flus ma tkunx prattikabbli jew tista' twassal għal konsegwenzi detrimentali għas-suq, bħal ċerti tranżazzjonijiet mis-suq primarju, azzjonijiet korporattivi, riorganizzazzjonijiet, il-ħolqien u t-tifdija ta' unitajiet ta' fondi***, riallinjamenti*** u ***trasferimenti ta' titoli mingħajr ħlas magħmula fil-kuntest tal-mobilizzazzjoni/demobilizzazzjoni ta' kollateral***. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 billi tispeċifika aktar id-dettalji ta' tali esklużjonijiet permezz ta' att delegat. |
| [40] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 tal-25 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu (ĠU L 230, 13.9.2018, p. 1). | [40] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 tal-25 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu (ĠU L 230, 13.9.2018, p. 1). |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Abbażi tal-emenda 1 proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. Trasferimenti ta' titoli mingħajr ħlas magħmula fil-kuntest tal-mobilizzazzjoni/demobilizzazzjoni tal-kollateral, kemm jekk dawk it-trasferimenti huma bejn partijiet privati jew bejn membri tas-*

*SEBĊ u l-kontropartijiet tagħhom, ma jinvolvux "żewġ partijiet kummerċjali", u għandhom, għalhekk, jiġu eżentati mill-applikazzjoni tar-reġim tad-dixxiplina tas-saldu. Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-BĊE biex tiġi skartata kompletament il-possibbiltà ta' xiri sfurzat obbligatorju.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-objettiv ġenerali tar-reġim dixxiplinarju tas-saldu huwa li tittejjeb l-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni. Madankollu, il-volatilità tas-suq fl-2020 amplifikat it-tħassib dwar l-effetti negattivi potenzjali tar-regoli tax-xiri sfurzat, kemm f'kundizzjonijiet normali kif ukoll f'kundizzjonijiet ta' stress fis-suq. ***Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni*** ta' ***dawk ir-regoli tkun soġġetta għal valutazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-adegwatezza tagħha fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni. Madankollu***, ***jenħtieġ li l-penali fi flus*** u ***r-rekwiżiti ta' rapportar ikomplu japplikaw sabiex jiġi vvalutat l-impatt tagħhom fuq it-titjib tal-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni***. ***Meta jitqiesu l-impatti potenzjali tar-regoli dwar ix-xiri*** sfurzat, ***tali regoli*** jenħtieġ li ***japplikaw biss meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet***, ***jiġifieri meta l-applikazzjoni ta' penali*** fi flus ***ma tkunx irriżultat fi tnaqqis kontinwu u fit-tul tal-fallimenti tas-saldu fl-Unjoni, meta*** l-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni ***ma tkunx laħqet livelli xierqa b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni fis-swieq kapitali ta' pajjiżi terzi li huma komparabbli f'termini ta' daqs***, ***likwidità kif ukoll strumenti nnegozjati u tipi ta' tranżazzjonijiet eżegwiti f'tali swieq***, ***jew meta l-livell ta' nuqqasijiet ta' saldu fl-Unjoni jkollu jew x'aktarx ikollu effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Meta l-Kummissjoni tqis*** li | (6) L-objettiv ġenerali tar-reġim dixxiplinarju tas-saldu huwa li tittejjeb l-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni. Madankollu, il-volatilità tas-suq fl-2020 amplifikat it-tħassib dwar l-effetti negattivi potenzjali tar-regoli tax-xiri sfurzat, kemm f'kundizzjonijiet normali kif ukoll f'kundizzjonijiet ta' stress fis-suq. ***L-eżistenza*** ta' ***tali regoli hija interferenza sproporzjonata fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet tat-titoli u l-funzjonament tas-swieq tat-titoli***, ***toħloq riskji sinifikanti għal-likwidità tas-suq*** u ***l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni, u tista' tipperikola l-kompetittività globali tal-Unjoni***. ***Minħabba l-implikazzjonijiet li jista' jkollu l-użu ta' xiri*** sfurzat ***obbligatorju***, ***il-possibbiltà tal-applikazzjoni tagħhom*** jenħtieġ li ***tiġi skartata. Madankollu***, ***jenħtieġ li l-penali*** fi flus ***u r-rekwiżiti ta' rapportar ikomplu japplikaw sabiex tittejjeb*** l-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni***. L-ESMA***, ***f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ***, ***jenħtieġ*** li ***tingħata l-possibbiltà tal-iżvilupp tal-abbozz*** ta' ***standards tekniċi regolatorji għal-livelli fil-mira speċifiċi tal-effiċjenza tas-saldu***, ***b'kunsiderazzjoni ta' fatturi bħal-likwidità*** ta' ***strumenti finanzjarji, in-natura transfruntiera*** jew ***domestika tat-tranżazzjonijiet, u l-muniti*** li ***fihom jiġu saldati t-tranżazzjonijiet***. Il-penali fi flus imsemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġu kkalkolati kuljum għal kull jum ta' |

***kwalunkwe waħda minn dawk il-kundizzjonijiet tkun issodisfata u li l-applikazzjoni*** ta' ***xiri sfurzat tkun proporzjonata biex jiġi indirizzat il-livell ta' nuqqasijiet ta' saldu fl-Unjoni***, ***il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta att*** ta' ***implimentazzjoni li jiddetermina għal liema strumenti finanzjarji*** jew ***kategoriji ta' tranżazzjonijiet jenħtieġ*** li ***jibdew japplikaw ir-regoli dwar ix-xiri sfurzat***. Il-penali fi flus imsemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġu kkalkolati kuljum għal kull jum ta' negozju li tranżazzjoni tonqos milli tiġi saldata ***sa tmiem il-proċess tax-xiri sfurzat jew il-jum tas-saldu attwali***, ***skont liema wieħed jiġi l-ewwel***.

negozju li tranżazzjoni tonqos milli tiġi saldata ***sal-jum tas-saldu attwali jew sakemm it-tranżazzjoni titħassar b'mod bilaterali. Sabiex jiġi appoġġat l-għoti ta' informazzjoni preċiża, f'waqtha u kompluta dwar il-penali, jenħtieġ li l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-kalkolu tal-penali fi flus tiġi ċentralizzata fil-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew.***

Or. en

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) It-tneħħija tad-dispożizzjonijiet tax-xiri sfurzat tal-kontroparti ċentrali mir-Regolament (UE) Nru 236/2012 bir-Regolament (UE) Nru 909/2014 kienet iġġustifikata dak iż-żmien minħabba li dawk id-dispożizzjonijiet ikunu koperti mid-dispożizzjonijiet obbligatorji tax-xiri sfurzat ta' dan ir-Regolament tal-aħħar. Id-dispożizzjonijiet ta' xiri sfurzat għal tranżazzjonijiet ta' ishma kklerjati issa jenħtieġ li jiġu introdotti mill-ġdid fir-Regolament (UE) Nru 236/2012 b'mod parallel mat-tneħħija tad-dispożizzjonijiet obbligatorji ta' xiri sfurzat mir-Regolament (UE) Nru 909/2014.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tneħħija tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ir-Regolament dwar il-Bejgħ bin-Nieqes – SSR) permezz tal-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (CSDR) daħlet fis-seħħ fi Frar 2022 skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 76(5) tas-CSDR. Dan kien iġġustifikat minħabba li d-dispożizzjonijiet tax-xiri sfurzat tas-CCP tal-SSR kontra l-bejgħ skopert mikxuf imbagħad ikunu koperti mid-dispożizzjonijiet tal-MBI tas-CSDR. Flimkien mad-dewmien tar-reġim tal-MBI tas-CSDR, it-tneħħija tal-Artikolu 15 tal-SSR ħalliet lakuna fil-leġiżlazzjoni. B'mod parallel mas-suġġeriment li tiġi skartata l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-MBI tas-CSDR, huwa ssuġġerit li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu introdotti mill-ġdid fl-SSR.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(7) Sabiex tiġi evitata l-multiplikità ta' xiri sfurzat għal tranżazzjonijiet dwar l-istess strument finanzjarju tul katina ta' kontropartijiet, li tista' twassal għal kostijiet duplikati bla bżonn u li tista' taffettwa l-likwidità tal-istrument finanzjarju, jenħtieġ li jkun disponibbli mekkaniżmu ta' "trasferiment" għall-parteċipanti f'tali tranżazzjonijiet. Kull parteċipant involut fil-katina tat-tranżazzjonijiet jenħtieġ li jitħalla jgħaddi notifika ta' xiri sfurzat lill-parteċipant li jonqos milli jwettaqhom sakemm jilħaq lill-parteċipant inadempjenti oriġinali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(8) Il-proċessi tax-xiri sfurzat u tal-kumpens fi flus jippermettu l-pagament tad-differenza bejn il-prezz tax-xiri sfurzat*** | ***imħassar*** |

***u l-prezz kummerċjali oriġinali li għandu jsir mill-bejjiegħ lix-xerrej biss meta dak il-prezz ta' referenza tax-xiri sfurzat jew tal-kumpens fi flus ikun ogħla mill-prezz kummerċjali oriġinali. Din l-assimetrija għall-ħlas tad-differenzjali tista' toħloq rimedju mhux ekwu li jkun ta' benefiċċju mhux xieraq għax-xerrej fil-każ li l-prezz tax-xiri sfurzat jew ta' referenza jkun aktar baxx mill-prezz kummerċjali oriġinali. Il-ħlas tad-differenzjali bejn il-prezz tax-xiri sfurzat u l-prezz tan-negozju oriġinali jenħtieġ li għalhekk japplika fiż-żewġ direzzjonijiet biex jiġi żgurat li l-partijiet tan-negozju jiġu restawrati għat-termini ekonomiċi, kieku seħħet it-tranżazzjoni oriġinali.***

Or. en

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(10) Fejn japplika x-xiri sfurzat, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li tissospendi temporanjament l-applikazzjoni tagħhom f'ċerti sitwazzjonijiet eċċezzjonali. Tali sospensjoni jenħtieġ li tkun possibbli għal kategoriji speċifiċi ta' strumenti finanzjarji fejn meħtieġ biex tiġi evitata jew indirizzata theddida serja għall-istabbiltà finanzjarja jew għall-funzjonament ordnat tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni. Tali sospensjoni jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk l-għanijiet.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) ***Il-kuntest tar-rati*** tal-imgħax negattivi jenħtieġ li jitqies fl-att delegat għall-kalkolu tal-penali fi flus sabiex jiġu evitati effetti mhux intenzjonati fuq il-parteċipant li ma jkunx qed jonqos billi jiġi eliminat kwalunkwe inċentiv negattiv li jista' jirriżulta f'ambjent b'rata tal-imgħax baxxa jew negattiva. | (11) ***Il-possibbiltà ta' ambjent ta' rati*** tal-imgħax negattivi jenħtieġ li jitqies fl-att delegat għall-kalkolu tal-penali fi flus sabiex jiġu evitati effetti mhux intenzjonati fuq il-parteċipant li ma jkunx qed jonqos billi jiġi eliminat kwalunkwe inċentiv negattiv li jista' jirriżulta f'ambjent b'rata tal-imgħax baxxa jew negattiva. |

Or. en

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-ESMA jenħtieġ li tħejji abbozzi ta' standards regolatorji biex tirrevedi l-istandards tekniċi regolatorji eżistenti sabiex tqis il-bidliet li saru fir-Regolament (UE) Nru 909/2014 sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel kwalunkwe korrezzjoni jew emenda meħtieġa bil-għan li jiġu ċċarati r-rekwiżiti stabbiliti f'tali standard tekniku regolatorju***, bħall-kundizzjonijiet li taħthom il-parteċipanti jistgħu jeżegwixxu x-xiri sfurzat tagħhom stess***. | (12) L-ESMA jenħtieġ li tħejji abbozzi ta' standards regolatorji biex tirrevedi l-istandards tekniċi regolatorji eżistenti sabiex tqis il-bidliet li saru fir-Regolament (UE) Nru 909/2014 sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel kwalunkwe korrezzjoni jew emenda meħtieġa bil-għan li jiġu ċċarati r-rekwiżiti stabbiliti f'tali standard tekniku regolatorju. |

Or. en

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 jirrikjedi li s-superviżuri nazzjonali jikkooperaw mal-awtoritajiet rilevanti u jinvolvuhom, is-superviżuri nazzjonali ma humiex meħtieġa jinfurmaw lil dawk l-awtoritajiet rilevanti jekk u kif il-fehmiet tagħhom ġew ikkunsidrati fl-eżitu tal-proċess ta' awtorizzazzjoni u jekk ġewx identifikati kwistjonijiet addizzjonali matul ir-rieżamijiet u l-evalwazzjonijiet annwali. B'hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jkunu jistgħu joħorġu opinjonijiet motivati dwar l-awtorizzazzjoni tas-CSDs ***u*** dwar il-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu dawn l-opinjonijiet jew jispjegaw f'deċiżjoni motivata għaliex dawn l-opinjonijiet ma ġewx segwiti. | (14) Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 jirrikjedi li s-superviżuri nazzjonali jikkooperaw mal-awtoritajiet rilevanti u jinvolvuhom, is-superviżuri nazzjonali ma humiex meħtieġa jinfurmaw lil dawk l-awtoritajiet rilevanti jekk u kif il-fehmiet tagħhom ġew ikkunsidrati fl-eżitu tal-proċess ta' awtorizzazzjoni u jekk ġewx identifikati kwistjonijiet addizzjonali matul ir-rieżamijiet u l-evalwazzjonijiet annwali. B'hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jkunu jistgħu joħorġu opinjonijiet motivati dwar l-awtorizzazzjoni tas-CSDs**,** dwar il-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni ***tas-CSDs, u dwar ir-rieżami u l-evalwazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tas-CSD, ta' CSDs li jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju***. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu dawn l-opinjonijiet jew jispjegaw f'deċiżjoni motivata għaliex dawn l-opinjonijiet ma ġewx segwiti. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Abbażi tal-emenda 3 proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. L-involviment tal-awtoritajiet rilevanti fil-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju għandu jkun allinjat mal-involviment tal-awtoritajiet rilevanti fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni tal-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju, fejn ir-regolament propost jipprevedi proċedura ta' konsultazzjoni li tinvolvi lill-awtoritajiet rilevanti.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Huma meħtieġa rieżamijiet u evalwazzjonijiet regolari tas-CSDs mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi żgurat li s-CSDs jibqa' jkollhom fis-seħħ | (15) Huma meħtieġa rieżamijiet u evalwazzjonijiet regolari tas-CSDs mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi żgurat li s-CSDs jibqa' jkollhom fis-seħħ |

| | |
|---|---|
| arranġamenti, strateġiji, proċessi u mekkaniżmi xierqa biex jevalwaw ir-riskji li għalihom is-CSDs huma, jew jistgħu jkunu, esposti jew li jistgħu jikkostitwixxu theddida għall-funzjonament bla xkiel tas-swieq tat-titoli. Madankollu, l-esperjenza wriet li rieżami u evalwazzjoni annwali huma ta' piż sproporzjonat kemm għas-CSDs kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti u b'valur miżjud limitat. Għalhekk jenħtieġ li tiġi stabbilita perjodiċità kalibrata aktar xierqa sabiex jittaffa dan il-piż u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-informazzjoni minn rieżami wieħed. Madankollu, il-kapaċitajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti u l-objettiv li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja jenħtieġ li ma jiġux imminati. | arranġamenti, strateġiji, proċessi u mekkaniżmi xierqa biex jevalwaw ir-riskji li għalihom is-CSDs huma, jew jistgħu jkunu, esposti jew li jistgħu jikkostitwixxu theddida għall-funzjonament bla xkiel tas-swieq tat-titoli. Madankollu, l-esperjenza wriet li rieżami u evalwazzjoni annwali huma ta' piż sproporzjonat kemm għas-CSDs kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti u b'valur miżjud limitat. Għalhekk jenħtieġ li tiġi stabbilita perjodiċità kalibrata aktar xierqa sabiex jittaffa dan il-piż u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-informazzjoni minn rieżami wieħed. ***Sabiex tiġi żgurata aktar il-konsistenza, il-frekwenza minima li biha l-awtoritajiet kompetenti tas-CSD u l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4(1), punt (40), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill iwettqu rieżamijiet u evalwazzjonijiet ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju jenħtieġ li tiġi allinjata mal-frekwenza tar-rieżami u tal-evalwazzjoni tas-CSDs.*** Madankollu, il-kapaċitajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti u l-objettiv li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja jenħtieġ li ma jiġux imminati. |
| | Or. en |

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda 4 proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. Għal raġunijiet ta' konsistenza, hemm mertu fl-allinjament tal-frekwenza minima proposta li biha l-awtoritajiet kompetenti tas-CSD u l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 4(1), punt (40) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrieżaminaw u jevalwaw il-konformità mas-CSDR tas-servizzi anċillari tat-tip bankarju mal-frekwenza tar-rieżami u tal-evalwazzjoni tas-CSDs. Huwa ssuġġerit li l-frekwenza ta' tali valutazzjoni tiġi estiża għal kull sentejn.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jirrikjedi l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet li għandhom interess fl-operazzjonijiet tas-CSDs li joffru servizzi fir-rigward ta' strumenti finanzjarji maħruġa skont il-liġi ta' aktar minn Stat Membru wieħed. Madankollu, l-arranġamenti superviżorji jibqgħu frammentati u jistgħu jwasslu għal differenzi fl-allokazzjoni u fin-natura tas-setgħat superviżorji skont is-CSD ikkonċernat. Dan, min-naħa tiegħu, joħloq ostakli għall-forniment transfruntier tas-servizzi tas-CSD fl-Unjoni, jipperpetwa l-ineffiċjenzi li jifdal fis-suq tas-saldu tal-Unjoni, u għandu impatti negattivi fuq l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni. Minkejja l-possibbiltà li jiġu stabbiliti kulleġġi f'konformità mal-Artikolu 24(4) ta' dak ir-Regolament (dik l-għażla bilkemm intużat. Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva u effiċjenti tas-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, ir-rekwiżit li jiġu stabbiliti kulleġġi obbligatorji jenħtieġ li ***japplika f'żewġ każijiet. L-ewwel nett, għas-CSDs li joffru servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali fir-rigward ta' strumenti finanzjarji maħruġa skont il-liġi ta' aktar minn Stat Membru wieħed (il-kulleġġi ta' passaportar) u t-tieni għas-CSDs li jappartjenu għall-istess grupp (il-"kulleġġi fil-livell tal-grupp"). Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet li jipparteċipaw fil-kulleġġi, fejn CSD*** li ***joffri servizzi transfruntieri jkun ukoll parti minn grupp ta' CSD, il-President tal-kulleġġ*** jenħtieġ li ***jkun jista' jiddeċiedi*** li ***jiġi stabbilit kulleġġ wieħed biss għal dak is-CSD. Meta s-CSDs l-oħra fil-grupp ukoll joffru servizzi transfruntieri***, ***il-President tal-kulleġġ jenħtieġ li jkun jista' jieħu dik id-deċiżjoni biss meta l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk is-CSDs l-oħra jagħtu l-kunsens tagħhom. F'dak il-każ, ikun hemm kulleġġ wieħed biss għas-CSDs kollha fi*** | (19) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jirrikjedi l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet li għandhom interess fl-operazzjonijiet tas-CSDs li joffru servizzi fir-rigward ta' strumenti finanzjarji maħruġa skont il-liġi ta' aktar minn Stat Membru wieħed. Madankollu, l-arranġamenti superviżorji jibqgħu frammentati u jistgħu jwasslu għal differenzi fl-allokazzjoni u fin-natura tas-setgħat superviżorji skont is-CSD ikkonċernat. Dan, min-naħa tiegħu, joħloq ostakli għall-forniment transfruntier tas-servizzi tas-CSD fl-Unjoni, jipperpetwa l-ineffiċjenzi li jifdal fis-suq tas-saldu tal-Unjoni, u għandu impatti negattivi fuq l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni. Minkejja l-possibbiltà li jiġu stabbiliti kulleġġi f'konformità mal-Artikolu 24(4) ta' dak ir-Regolament (dik l-għażla bilkemm intużat. Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva u effiċjenti tas-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, ir-rekwiżit li jiġu stabbiliti kulleġġi obbligatorji jenħtieġ li ***jkun ibbażat fuq kriterju uniku eżistenti u affidabbli, jiġifieri, l-importanza sostanzjali*** ta' ***CSD għal ġuriżdizzjoni differenti minn dik fejn ikun stabbilit. Il-livell limitu għall-istabbiliment obbligatorju mill-awtoritajiet kompetenti*** ta' ***kulleġġ ta' awtoritajiet superviżorji għandu jintlaħaq meta CSD ikun ta' importanza sostanzjali f'mill-inqas żewġ Stati Membri ospitanti. Tali kulleġġi jenħtieġ*** li ***jiżguraw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni li tappartjeni għas-CSDs ikkonċernati. Il-membri ta' kulleġġ jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jitolbu l-adozzjoni mill-kulleġġ ta' opinjoni vinkolanti dwar kwistjonijiet identifikati matul il-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni tas-CSDs, jew matul ir-rieżami u l-evalwazzjoni tal-forniturі ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju, jew li huma relatati mal-estensjoni jew l-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet u s-servizzi pprovduti mis-CSD,*** |

***ħdan il-grupp*** li ***jeżerċita l-kompiti assenjati lill-kulleġġi*** ta' ***passaportar u lill-kulleġġi fil-livell tal-grupp***. Tali ***kulleġġi*** jenħtieġ li ***jiżguraw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni li tappartjeni għas-CSDs ikkonċernati***.

***jew li jikkonċernaw kwalunkwe ksur potenzjali tar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 li jirriżulta mill-forniment ta' servizzi fi Stat Membru ospitanti. Il-proċess għall-adozzjoni ta' tali opinjoni jenħtieġ li jistrieħ fuq vot ta' maġġoranza sempliċi.***

Or. en

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(25a) Xi CSDs stabbiliti fl-Unjoni jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli li japplikaw arranġamenti ta' netting. Tali CSDs għandhom ikejlu, jimmonitorjaw u jimmaniġġjaw b'mod adegwat ir-riskji li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dawk l-arranġamenti ta' netting stabbiliti għas-saldu fuq bażi netta.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda 5 proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. Ir-rekwiżit ta' monitoraġġ u ġestjoni tar-riskji li jirriżultaw minn arranġamenti ta' netting għandu japplika għas-CSDs kollha li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli li jużaw arranġamenti ta' netting, irrispettivament minn jekk dawk is-CSDs jipprovdux servizzi anċillari tat-tip bankarju jew le.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Sabiex jiġu evitati r-riskji tas-saldu minħabba l-insolvenza tal-aġent tas-saldu, CSD jenħtieġ li jsalda, meta dan ikun | (26) Sabiex jiġu evitati r-riskji tas-saldu minħabba l-insolvenza tal-aġent tas-saldu, CSD jenħtieġ li jsalda, meta dan ikun |

| | |
|---|---|
| prattikabbli u disponibbli, il-parti li tikkonsisti fi flus tat-tranżazzjoni tat-titoli permezz ta' kontijiet miftuħa ma' bank ċentrali. Fejn dik l-għażla ma tkunx prattika u disponibbli, inkluż fejn CSD ma jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' bank ċentrali għajr dak tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu, jenħtieġ li dak is-CSD ikun jista' jsalda l-parti tal-flus tat-tranżazzjonijiet f'muniti barranin permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet awtorizzati li jipprovdu servizzi bankarji skont il-kundizzjonijiet previsti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014. L-effiċjenza tas-suq tas-saldu tkun moqdija aħjar billi jissaħħu l-possibbiltajiet biex is-CSDs jipprovdu saldu f'muniti barranin permezz tal-użu ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet awtorizzati li jipprovdu servizzi bankarji, fi ħdan limiti ta' riskju xierqa, bil-għan li japprofondixxu s-swieq kapitali u jtejbu s-saldu transfruntier. Għal dak il-għan, is-CSDs awtorizzati sabiex jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 u li għalihom ir-riskji rilevanti huma diġà mmonitorjati, jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru tali servizzi lil CSDs oħra li ma jkollhomx tali liċenzja irrispettivament minn jekk dawn tal-aħħar ikunux parti mill-istess grupp ta' kumpaniji. | prattikabbli u disponibbli, il-parti li tikkonsisti fi flus tat-tranżazzjoni tat-titoli permezz ta' kontijiet miftuħa ma' bank ċentrali. Fejn dik l-għażla ma tkunx prattika u disponibbli, inkluż fejn CSD ma jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' bank ċentrali għajr dak tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu, jenħtieġ li dak is-CSD ikun jista' jsalda l-parti tal-flus tat-tranżazzjonijiet f'muniti barranin permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet awtorizzati li jipprovdu servizzi bankarji skont il-kundizzjonijiet previsti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014. L-effiċjenza tas-suq tas-saldu tkun moqdija aħjar billi jissaħħu l-possibbiltajiet biex is-CSDs jipprovdu saldu f'muniti barranin permezz tal-użu ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet awtorizzati li jipprovdu servizzi bankarji, fi ħdan limiti ta' riskju xierqa, bil-għan li japprofondixxu s-swieq kapitali u jtejbu s-saldu transfruntier. Għal dak il-għan, is-CSDs awtorizzati sabiex jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 u li għalihom ir-riskji rilevanti huma diġà mmonitorjati, jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru tali servizzi lil CSDs oħra li ma jkollhomx tali liċenzja irrispettivament minn jekk dawn tal-aħħar ikunux parti mill-istess grupp ta' kumpaniji. ***L-istituzzjonijiet ta' kreditu ddeżinjati u s-CSDs awtorizzati li jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju jenħtieġ li jkunu awtorizzati biss li jipprovdu tali servizzi għall-finijiet tas-saldu tal-komponent ta' flus li jikkorrispondi għat-tranżazzjonijiet fis-sistema ta' saldu tat-titoli tas-CSD li jfittex li juża servizzi anċillari tat-tip bankarju, u li ma jwettaq l-ebda attività oħra.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Abbażi tal-emenda 6 proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. L-ambitu tas-servizzi li għandhom jiġu offruti mis-CSDs bankarji lis-CSDs utenti għandu jkun limitat għal servizzi li huma pprovduti għall-finijiet ta' saldu f'muniti barranin.*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Fi ħdan limitu tar-riskju stabbilit b'mod xieraq, is-CSDs li ma jkunux awtorizzati jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru ammont suffiċjenti ta' saldu f'munita barranija permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet ta' kreditu ***jew permezz tal-kont tiegħu stess***. Il-limitu li taħtu CSD jista' jaħtar istituzzjoni ta' kreditu biex tipprovdi kwalunkwe servizz anċillari tat-tip bankarju minn entità ġuridika separata mingħajr ma jkun meħtieġ li tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġi kkalibrat b'mod li jippromwovi l-effiċjenza tas-saldu u l-użu ta' servizzi anċillari bankarji filwaqt li tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja. Bħala korp b'għarfien espert speċjalizzat dwar kwistjonijiet ta' riskju bankarju u ta' kreditu, l-EBA jenħtieġ li tiġi fdata bl-iżvilupp ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex ***jiġu stabbiliti l-limiti xierqa*** u, ***fejn meħtieġ***, ***kwalunkwe rekwiżit*** ta' mitigazzjoni tar-riskju. L-EBA jenħtieġ li tikkoopera mill-qrib ukoll mal-membri tas-SEBĊ u mal-ESMA. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-elementi dettaljati tad-determinazzjoni għall-proviżjonament ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju, id-dettalji ta' akkumpanjament tar-rekwiżiti tal-immaniġġjar tar-riskju u tal-kapital għas-CSDs u r-rekwiżiti prudenzjali dwar ir-riskji ta' kreditu u ta' likwidità għas-CSDs u għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ddeżinjati li huma awtorizzati jipprovdu | (27) Fi ħdan limitu tar-riskju stabbilit b'mod xieraq, is-CSDs li ma jkunux awtorizzati jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru ammont suffiċjenti ta' saldu f'munita barranija permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet ta' kreditu. Il-limitu li taħtu CSD jista' jaħtar istituzzjoni ta' kreditu biex tipprovdi kwalunkwe servizz anċillari tat-tip bankarju minn entità ġuridika separata mingħajr ma jkun meħtieġ li tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġi kkalibrat b'mod li jippromwovi l-effiċjenza tas-saldu u l-użu ta' servizzi anċillari bankarji filwaqt li tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja. ***Jenħtieġ li l-kalibrazzjoni tal-livell limitu tevita l-introduzzjoni ta' riskji ġodda għas-CSD, għall-istituzzjoni ta' kreditu li tipprovdi s-servizzi bankarji, u għas-sistema bankarja kollha kemm hi. Jenħtieġ li jiżgura wkoll kundizzjonijiet ekwi fost is-CSDs, b'awtorizzazzjoni u mingħajrha, fil-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju li jirrispettaw il-prinċipju ta' "l-istess attività, l-istess riskju, l-istess regoli", u jkun ibbażat fuq l-ammonti saldati totali.*** Bħala korp b'għarfien espert speċjalizzat dwar kwistjonijiet ta' riskju bankarju u ta' kreditu, l-EBA jenħtieġ li tiġi fdata bl-iżvilupp ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex ***(i) tiggverna l-forniment ta' servizzi minn CSDs bankarji lejn CSDs mhux bankarji*** u ***(ii) tistabbilixxi l-limiti adatti***, ***b'kunsiderazzjoni tal-implikazzjonijiet għar-riskji finanzjarji differenti***, ***il-kondizzjonijiet ekwivalenti u l-kunflitti ta' interess potenzjali. Jenħtieġ li l-EBA tiġi*** |

servizzi anċillari tat-tip bankarju.

***fdata wkoll bl-abbozzar ta' rekwiżiti*** ta' mitigazzjoni tar-riskju. L-EBA jenħtieġ li tikkoopera mill-qrib ukoll mal-membri tas-SEBĊ u mal-ESMA. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-elementi dettaljati tad-determinazzjoni għall-proviżjonament ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju, id-dettalji ta' akkumpanjament tar-rekwiżiti tal-immaniġġjar tar-riskju u tal-kapital għas-CSDs u r-rekwiżiti prudenzjali dwar ir-riskji ta' kreditu u ta' likwidità għas-CSDs u għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ddeżinjati li huma awtorizzati jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju.

Or. en

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tispeċifika l-effett li, ***f'kuntest*** ta' rati tal-imgħax negattivi, in-nuqqasijiet jista' jkollhom fuq il-kontropartijiet affettwati fir-rigward tal-kalkolu tal-penali fi flus jew l-inċentivi negattivi tagħhom li jonqsu, ir-raġunijiet li jwasslu għal nuqqasijiet ta' saldu li għandhom jitqiesu bħala li ma humiex attribwibbli għall-parteċipanti għat-tranżazzjoni u t-tranżazzjonijiet li ma għandhomx jitqiesu li jinvolvu żewġ partijiet kummerċjali, il-funzjonament tal-kulleġġi tas-superviżuri, l-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata minn CSDs ta' pajjiżi terzi; u l-ammont massimu li taħtu s-CSDs jistgħu jużaw kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu biex isaldaw il- | (33) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tispeċifika l-effett li, ***f'każ ta' ambjent*** ta' rati tal-imgħax negattivi, in-nuqqasijiet jista' jkollhom fuq il-kontropartijiet affettwati fir-rigward tal-kalkolu tal-penali fi flus jew l-inċentivi negattivi tagħhom li jonqsu, ir-raġunijiet li jwasslu għal nuqqasijiet ta' saldu li għandhom jitqiesu bħala li ma humiex attribwibbli għall-parteċipanti għat-tranżazzjoni u t-tranżazzjonijiet li ma għandhomx jitqiesu li jinvolvu żewġ partijiet kummerċjali, il-funzjonament tal-kulleġġi tas-superviżuri, l-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata minn CSDs ta' pajjiżi terzi; u l-ammont massimu li taħtu s-CSDs jistgħu jużaw kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu biex |

| | |
|---|---|
| pagamenti fi flus. | isaldaw il-pagamenti fi flus. |

Or. en

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***u b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni u s-sospensjoni ta' rekwiżiti ta' xiri sfurzat fejn dawk japplikaw,*** jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43]. | (34) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43]. |
| [43] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). | [43] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). |

Or. en

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) L-applikazzjoni tal-ambitu rivedut tar-regoli dwar il-penali fi flus, ir-rekwiżiti l-ġodda rigward l-istabbiliment ta' kulleġġi | (36) L-applikazzjoni tal-ambitu rivedut tar-regoli dwar il-penali fi flus, ir-rekwiżiti l-ġodda rigward l-istabbiliment ta' kulleġġi |

| | |
|---|---|
| tas-superviżuri, is-sottomissjoni ta' notifika minn CSDs ta' pajjiżi terzi tas-servizzi ewlenin li jipprovdu fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, il-limitu rivedut li taħtu l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu joffru li jsaldaw il-pagamenti fi flus għal parti mis-sistema ta' saldu tat-titoli tas-CSD u r-rekwiżiti prudenzjali riveduti applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew għas-CSDs awtorizzati li jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġu differiti sabiex jingħata żmien biżżejjed għall-adozzjoni tal-atti delegati meħtieġa li jispeċifikaw ulterjorment dawn ir-rekwiżiti, | tas-superviżuri, is-sottomissjoni ta' notifika minn CSDs ta' pajjiżi terzi tas-servizzi ewlenin li jipprovdu fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, il-limitu rivedut li taħtu l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu joffru li jsaldaw il-pagamenti fi flus għal parti mis-sistema ta' saldu tat-titoli tas-CSD u r-rekwiżiti prudenzjali riveduti applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew għas-CSDs awtorizzati li jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġu differiti sabiex jingħata żmien biżżejjed għall-adozzjoni tal-atti delegati meħtieġa li jispeċifikaw ulterjorment dawn ir-rekwiżiti, ***Sabiex is-CSDs u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jingħataw biżżejjed żmien biex jaġġustaw is-sistemi tagħhom, il-perjodu ta' 24 xahar bejn id-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u d-data tal-applikazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni emendat tar-reġim tad-dixxiplina tas-saldu jenħtieġ li jkun biss mid-data tal-adozzjoni tal-atti delegati rilevanti tal-Kummissjoni.*** |
| | Or. en |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(36a) Bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza taż-żamma tar-rekords, l-emittenti li jużaw is-servizzi ta' CSD jenħtieġ li jiġu identifikati b'kodiċi uniku permezz ta' identifikaturi tal-entità ġuridika (LEI). L-użu ta' LEI diġà huwa meħtieġ mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/394 għal finijiet ta' rapportar, fejn is-CSDs jeħtieġ li jipprovdu informazzjoni*** |

***lill-awtoritajiet kompetenti.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kodiċi LEI huwa meħtieġ għal diversi entitajiet skont regoli multipli, li l-ebda waħda minnhom ma tapplika direttament għall-emittenti kollha. Eż. l-obbligu tal-LEI mir-Regolament dwar il-Prospett japplika biss għall-emittenti tal-UE, bi żvantaġġ għalihom fil-konfront ta' emittenti mhux tal-UE; ITS (UE) 2017/394 hija indirizzata lis-CSDs, li mhux dejjem ikollhom il-mezzi biex jimponu dan fuq l-emittenti. Din l-emenda timponi obbligu dirett fuq l-emittenti kollha biex jiksbu kodiċi LEI mingħajr ma jinħoloq tfixkil fis-suq, peress li r-rekwiżit għas-CSDs diġà jeżisti, u diġà hemm leġiżlazzjoni oħra li tkopri r-rekwiżit għall-maġġoranza tal-emittenti.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 26

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) fl-Artikolu 2(1), il-punt (26) huwa mibdul b'dan li ġej:*** |
| (26) "inadempjenza", fir-rigward ta' parteċipant' tfisser sitwazzjoni fejn jinfetħu proċeduri ta' insolvenza, kif definiti ***fil-punt*** (j) ***tal-Artikolu 2*** tad-Direttiva 98/26/KE, kontra parteċipant; | ***"(26)*** "inadempjenza", fir-rigward ta' parteċipant' tfisser sitwazzjoni fejn jinfetħu proċeduri ta' insolvenza, kif definiti ***fl-Artikolu 2***(j) tad-Direttiva 98/26/KE, kontra parteċipant***, jew f'każ ta' avveniment stipulat fir-regoli interni tas-CSD bħala wieħed li jikkostitwixxi inadempjenza***; |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02014R0909-20220622&qid=1665050653870&from=MT)*

*Ġustifikazzjoni*

*Abbażi tal-emenda 7 proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. Huwa ssuġġerit li d-definizzjoni ta' "inadempjenza" tiġi allinjata mad-definizzjoni stabbilita fil-Prinċipji għall-Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji maħruġa mis-CPSS u l-IOSCO, li tirreferi għal avvenimenti stipulati fir-regoli interni ta' CSD bħala li jikkostitwixxu inadempjenza. L-aħħar klawżola subordinata tal-emenda ssuġġerita mill-BĊE ma ġietx aċċettata, għal*

*raġunijiet ta' kawtela biex jiġu evitati skattaturi awtomatiċi ta' inadempjenza – is-CSDs għandhom iżommu l-flessibbiltà dwar id-deċiżjoni jekk ipoġġux parteċipant f'inadempjenza jew le.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 44

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) fl-Artikolu 2(1), jiddaħħal il-punt li ġej:*** |
| | ***"(28a) "netting" tfisser netting kif definit fl-Artikolu 2(k) tad-Direttiva 98/26/KE;"*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda 8 proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. Kif rifless f'diversi prinċipji tal-Prinċipji għall-Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji (PFMIs) maħruġa mill-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu (CPPSS) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO), huma meħtieġa rekwiżiti speċifiċi biex jiġu indirizzati r-riskji li jirriżultaw mill-arranġamenti ta' netting tas-CSDs. Dawn għandhom japplikaw għas-CSDs kollha li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli li jużaw arranġamenti ta' netting, irrispettivament minn jekk dawk is-CSDs jipprovdux servizzi anċillari tat-tip bankarju jew le.*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 44

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1c) fl-Artikolu 2(1), jitħassar il-punt (44)*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ta' "suq tat-tkabbir tal-SMEs" ma għadhiex meħtieġa jekk il-possibbiltà ta' xiri sfurzat obbligatorju tiġi skartata għalkollox. Ara l-emendi proposti għall-Artikolu 7.*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-mekkaniżmu ta' penali msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi penali fi flus għall-parteċipanti li jikkawżaw fallimenti tas-saldu ("parteċipanti inadempjenti") ħlief meta dawk il-fallimenti tas-saldu jkunu kkawżati minn fatturi mhux attribwibbli lill-parteċipanti għat-tranżazzjoni jew għal operazzjonijiet li ma jinvolvux żewġ partijiet tan-negozjar. Il-penali pekunjarji għandhom jiġu kkalkolati fuq bażi ta' kuljum għal kull jum ta' negozju li ***transazzjoni*** tonqos milli tissalda wara d-data prevista tas-saldu ***sat-tmiem tal-proċess ta' xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafi 3 sa 8 li għandu jiġi applikat skont il-paragrafu 2a,*** jew ***il-jum ta' saldu proprju, skont liema wieħed jiġi l-ewwel***. Il-penali pekunjarji ma għandhomx jiġu kkonfigurati bħala sors ta' dħul għas-CSD. | Il-mekkaniżmu ta' penali msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi penali fi flus għall-parteċipanti li jikkawżaw fallimenti tas-saldu ("parteċipanti inadempjenti") ħlief meta dawk il-fallimenti tas-saldu jkunu kkawżati minn fatturi mhux attribwibbli lill-parteċipanti għat-tranżazzjoni jew għal operazzjonijiet li ma jinvolvux żewġ partijiet tan-negozjar. Il-penali pekunjarji għandhom jiġu kkalkolati fuq bażi ta' kuljum għal kull jum ta' negozju li ***tranżazzjoni*** tonqos milli tissalda wara d-data prevista tas-saldu ***sal-jum tas-saldu nnifsu*** jew ***sakemm it-tranżizzjoni tkun ġiet ikkanċellata b'mod bilaterali***. Il-penali pekunjarji ma għandhomx jiġu kkonfigurati bħala sors ta' dħul għas-CSD. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżistenza ta' xiri sfurzat obbligatorju mmexxi mir-regolament hija interferenza sinifikanti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet tat-titoli u l-funzjonament tas-swieq tat-titoli. Minħabba l-implikazzjonijiet li jista' jkollu l-użu mill-Kummissjoni Ewropea ta' xiri sfurzat obbligatorju, inkluż fir-rigward tan-nuqqas ta' disponibbiltà potenzjali ta' aġent tax-xiri sfurzat, huwa ssuġġerit li tiġi skartata kompletament il-possibbiltà ta' xiri sfurzat obbligatorju. It-tneħħija tal-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju hija wkoll l-approċċ preferut tal-BĊE kif espress fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022 (ara l-punt 1.4).*

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"2a. Mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu ta' penali msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u d-dritt li t-tranżazzjoni tiġi kkanċellata b'mod bilaterali, il-Kummissjoni tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi għal liema mill-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) jew kategoriji ta' tranżazzjonijiet f'dawk l-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu applikati l-miżuri ta' dixxiplina tas-saldu msemmija fil-paragrafi 3 sa 8 ta' dan l-Artikolu fejn il-Kummissjoni tqis li dawk il-miżuri jikkostitwixxu mezz proporzjonat biex jiġi indirizzat il-livell ta' nuqqasijiet ta' saldu fl-Unjoni u li, abbażi tal-għadd u tal-volum ta' nuqqasijiet ta' saldu, tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*** | |
| ***(a) l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tal-penali fi flus imsemmi fil-paragrafu 2 ma tkunx irriżultat fi tnaqqis kontinwu u fit-tul tan-nuqqas ta' saldu fl-Unjoni;*** | |
| ***(b) l-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni ma tkunx laħqet livelli xierqa meta titqies is-sitwazzjoni fis-swieq kapitali ta' pajjiżi terzi li huma komparabbli f'termini ta' daqs, likwidità kif ukoll strumenti nnegozjati u tipi ta' tranżazzjonijiet eżegwiti f'tali swieq;*** | |
| ***(c) il-livell ta' nuqqas ta' saldu fl-Unjoni għandu jew x'aktarx ikollu effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni.*** | |
| ***L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta'*** | |

***eżami msemmija fl-Artikolu 68(2).";***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżistenza ta' xiri sfurzat obbligatorju mmexxi mir-regolament hija interferenza sinifikanti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet tat-titoli u l-funzjonament tas-swieq tat-titoli. Minħabba l-implikazzjonijiet li jista' jkollu l-użu mill-Kummissjoni Ewropea ta' xiri sfurzat obbligatorju, inkluż fir-rigward tan-nuqqas ta' disponibbiltà potenzjali ta' aġent tax-xiri sfurzat, huwa ssuġġerit li tiġi skartata kompletament il-possibbiltà ta' xiri sfurzat obbligatorju. It-tneħħija tal-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju hija wkoll l-approċċ preferut tal-BĊE kif espress fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022 (ara l-punt 1.4).*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7, paragrafu 2b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) jiddaħħal il-paragrafu 2b li ġej:*** |
| | ***"2b. Sabiex jiġi appoġġat l-għoti ta' informazzjoni preċiża, f'waqtha u kompluta dwar il-penali, l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-kalkolu tal-ammonti ta' penali fi flus għandha tkun ċentralizzata fil-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew operat mill-ESMA f'konformità mar-Regolament... [Ir-Regolament dwar l-ESAP]. Tali informazzjoni għandha tinkludi l-lista ta' strumenti finanzjarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u l-prezz ta' referenza ta' kuljum u l-kategorija ta' kull strument bħal dan."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bħalissa, id-data ta' referenza tinkiseb minn diversi postijiet, dan jirrikjedi sinifikanti mill-parteċipanti fis-suq u jillimita l-kapaċità tagħhom li jimmonitorjaw b'mod effettiv l-esponiment tagħhom għall-penali. Il-konsolidazzjoni tal-informazzjoni f'sors uniku bħall-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jmiss tirrappreżenta titjib sinifikanti.*

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-paragrafu 3 huwa ***sostitwit b'dan li ġej:*** | (c) il-paragrafu 3 huwa ***mħassar;*** |
| ***3. Meta l-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 2a u meta parteċipant inadempjenti ma jkunx wassal strumenti finanzjarji koperti minn dak l-att ta' implimentazzjoni lill-parteċipant riċeventi fi żmien perijodu wara d-data tas-saldu maħsuba ("perijodu ta' estensjoni") ta' erbat ijiem ta' xogħol, għandu jinbeda proċess ta' xiri sfurzat li bih dawk l-istrumenti għandhom ikunu disponibbli għas-saldu u jiġu kkonsenjati lill-parteċipant riċeventi f'perjodu ta' żmien xieraq.*** | |
| ***Fejn it-tranżazzjoni tirrigwarda strument finanzjarju nnegozjat f'suq tal-SMEs li jkun qed jespandi, il-perijodu tal-estensjoni għandu jkun 15-il jum kalendarju dment li s-suq tal-SMEs li jkun qed jespandi ma jiddeċidix li japplika perjodu iqsar."*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżistenza ta' xiri sfurzat obbligatorju mmexxi mir-regolament hija interferenza sinifikanti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet tat-titoli u l-funzjonament tas-swieq tat-titoli. Minħabba l-implikazzjonijiet li jista' jkollu l-użu mill-Kummissjoni Ewropea ta' xiri sfurzat obbligatorju, inkluż fir-rigward tan-nuqqas ta' disponibbiltà potenzjali ta' aġent tax-xiri sfurzat, huwa ssuġġerit li tiġi skartata kompletament il-possibbiltà ta' xiri sfurzat obbligatorju. It-tneħħija tal-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju hija wkoll l-approċċ preferut tal-BĊE kif espress fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022 (ara l-punt 1.4).*

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 3a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***3a. Meta parteċipant riċeventi (il-"parteċipant riċeventi intermedju") ma jirċevix l-istrumenti finanzjarji sad-data msemmija fil-paragrafu 3 li twassal għal konsenja ulterjuri ta' dawk l-istrumenti finanzjarji lil parteċipant riċeventi ieħor (il-"parteċipant riċeventi finali"), il-parteċipant riċeventi intermedju għandu jitqies bħala li jikkonforma mal-obbligu li jeżegwixxi xiri sfurzat kontra l-parteċipant inadempjenti meta l-parteċipant riċeventi finali jeżegwixxi x-xiri sfurzat għal dawk l-istrumenti finanzjarji. Bl-istess mod, il-parteċipant riċeventi intermedju jista' jgħaddi l-obbligi tiegħu lill-parteċipant inadempjenti lejn il-parteċipant riċeventi finali skont il-paragrafi 6, 7 u 8.;*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżistenza ta' xiri sfurzat obbligatorju mmexxi mir-regolament hija interferenza sinifikanti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet tat-titoli u l-funzjonament tas-swieq tat-titoli. Minħabba l-implikazzjonijiet li jista' jkollu l-użu mill-Kummissjoni Ewropea ta' xiri sfurzat obbligatorju, inkluż fir-rigward tan-nuqqas ta' disponibbiltà potenzjali ta' aġent tax-xiri sfurzat, huwa ssuġġerit li tiġi skartata kompletament il-possibbiltà ta' xiri sfurzat obbligatorju. It-tneħħija tal-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju hija wkoll l-approċċ preferut tal-BĊE kif espress fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022 (ara l-punt 1.4).*

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 –punt 2 –punt e**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-paragrafu 4 huwa ***sostitwit b'dan li ġej:*** | (e) il-paragrafu 4 huwa ***mħassar;*** |
| ***4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3a, għandhom japplikaw id-derogi li ġejjin mir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 3:*** | |
| ***(a) abbażi tat-tip ta' assi u l-likwidità tal-istrumenti finanzjarji kkonċernati, il-perijodu tal-estensjoni jista' jiżdied minn erbat ijiem ta' xogħol għal mhux aktar minn sebat ijiem ta' xogħol fejn perijodu ta' estensjoni iqsar ikun jaffettwa l-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji kkonċernati;*** | |
| ***(b) għal operazzjonijiet magħmulin minn diversi tranżazzjonijiet inklużi ftehimiet dwar ix-xiri mill-ġdid jew is-self ta' titoli, il-proċess ta' xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3 ma għandux japplika fejn il-perijodu ta' żmien ta' dawk l-operazzjonijiet ikun qasir biżżejjed u għalhekk il-proċess ta' xiri sfurzat ikun ineffettiv;*** | |
| ***(c) għal nuqqasijiet ta' saldu li seħħew għal raġunijiet mhux attribwibbli għall-parteċipanti, il-proċess ta' xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3 ma għandux japplika;*** | |
| ***(d) għal tranżazzjonijiet li ma jinvolvux żewġ partijiet tan-negozjar, il-proċess ta' xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3 ma għandux japplika.;*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżistenza ta' xiri sfurzat obbligatorju mmexxi mir-regolament hija interferenza sinifikanti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet tat-titoli u l-funzjonament tas-swieq tat-titoli. Minħabba l-implikazzjonijiet li jista' jkollu l-użu mill-Kummissjoni Ewropea ta' xiri sfurzat obbligatorju, inkluż fir-rigward tan-nuqqas ta' disponibbiltà potenzjali ta' aġent tax-xiri sfurzat, huwa ssuġġerit li tiġi skartata kompletament il-possibbiltà ta' xiri sfurzat obbligatorju. It-tneħħija tal-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju hija wkoll l-approċċ preferut tal-BĊE kif espress fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022 (ara l-punt 1.4).*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ea (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) jitħassar il-paragrafu 5;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżistenza ta' xiri sfurzat obbligatorju mmexxi mir-regolament hija interferenza sinifikanti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet tat-titoli u l-funzjonament tas-swieq tat-titoli. Minħabba l-implikazzjonijiet li jista' jkollu l-użu mill-Kummissjoni Ewropea ta' xiri sfurzat obbligatorju, inkluż fir-rigward tan-nuqqas ta' disponibbiltà potenzjali ta' aġent tax-xiri sfurzat, huwa ssuġġerit li tiġi skartata kompletament il-possibbiltà ta' xiri sfurzat obbligatorju. It-tneħħija tal-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju hija wkoll l-approċċ preferut tal-BĊE kif espress fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022 (ara l-punt 1.4).*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt f**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-paragrafu 6 huwa ***sostitwit b'dan li ġej:*** | (f) il-paragrafu 6 huwa ***mħassar;*** |
| ***6. Mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu ta' penali msemmi fil-paragrafu 2, meta l-prezz tal-istrumenti finanzjajri maqbul fil-mument tan-negozju jkun differenti mill-prezz imħallas għall-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat, id-differenza korrispondenti għandha titħallas mill-parteċipant li jibbenefika minn tali prezz differenti għall-parteċipant l-ieħor sa mhux aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara t-*** | |

***twassil tal-istrumenti finanzjarji b'segwitu ghax-xiri sfurzat.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżistenza ta' xiri sfurzat obbligatorju mmexxi mir-regolament hija interferenza sinifikanti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet tat-titoli u l-funzjonament tas-swieq tat-titoli. Minħabba l-implikazzjonijiet li jista' jkollu l-użu mill-Kummissjoni Ewropea ta' xiri sfurzat obbligatorju, inkluż fir-rigward tan-nuqqas ta' disponibbiltà potenzjali ta' aġent tax-xiri sfurzat, huwa ssuġġerit li tiġi skartata kompletament il-possibbiltà ta' xiri sfurzat obbligatorju. It-tneħħija tal-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju hija wkoll l-approċċ preferut tal-BĊE kif espress fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022 (ara l-punt 1.4).*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt fa (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafi 7 u 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) il-paragrafi 7 u 8 huma mħassra;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżistenza ta' xiri sfurzat obbligatorju mmexxi mir-regolament hija interferenza sinifikanti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet tat-titoli u l-funzjonament tas-swieq tat-titoli. Minħabba l-implikazzjonijiet li jista' jkollu l-użu mill-Kummissjoni Ewropea ta' xiri sfurzat obbligatorju, inkluż fir-rigward tan-nuqqas ta' disponibbiltà potenzjali ta' aġent tax-xiri sfurzat, huwa ssuġġerit li tiġi skartata kompletament il-possibbiltà ta' xiri sfurzat obbligatorju. It-tneħħija tal-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju hija wkoll l-approċċ preferut tal-BĊE kif espress fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022 (ara l-punt 1.4).*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt g**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 11 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Jekk CCP iġġarrab telf mill-applikazzjoni tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(2), is-CCP tista' tistabbilixxi fir-regoli tagħha mekkaniżmu biex tkopri tali telf.;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan is-subparagrafu ma jibqax rilevanti jekk l-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju tiġi skartata. Ara l-emenda mressqa għall-Artikolu 7(2), subparagrafu 3.*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt h**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 13a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) jiddaħħal il-paragrafu 13a li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"13a. L-ESMA tista' tirrakkomanda li l-Kummissjoni tissospendi b'mod proporzjonat il-mekkaniżmu tax-xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafi 3 sa 8 għal kategoriji speċifiċi ta' strumenti finanzjarji fejn meħtieġ biex tiġi evitata jew indirizzata theddida serja għall-istabbiltà finanzjarja jew għall-funzjonament ordnat tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni. Tali rakkomandazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni motivata bis-sħiħ tan-neċessità tagħha u ma għandhiex issir pubblika.*** | |
| ***Qabel ma tagħmel ir-rakkomandazzjoni, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-BERS u lis-SEBĊ.*** | |
| ***Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed wara li tirċievi r-rakkomandazzjoni, abbażi tar-raġunijiet u l-evidenza pprovduti mill-ESMA, jew*** | |

***tissospendi l-mekkaniżmu tax-xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3 għall-kategoriji speċifiċi ta' strumenti finanzjarji permezz ta' att ta' implimentazzjoni, jew tirrifjuta s-sospensjoni rakkomandata. Fejn il-Kummissjoni tirrifjuta s-sospensjoni mitluba, għandha tipprovdi raġunijiet għal dan bil-miktub lill-ESMA. Dik l-informazzjoni ma għandhiex issir pubblika.***

***L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 68(3).***

***Is-sospensjoni tal-mekkaniżmu tax-xiri sfurzat għandha tiġi kkomunikata lill-ESMA u għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fuq is-sit web tal-Kummissjoni.***

***Is-sospensjoni tal-mekkaniżmu tax-xiri sfurzat għandha tkun valida għal perjodu inizjali ta' mhux aktar minn sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni ta' dik is-sospensjoni.***

***Fejn ir-raġunijiet għas-sospensjoni jkunu għadhom japplikaw, il-Kummissjoni tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni, testendi s-sospensjoni msemmija fit-tielet subparagrafu għal perjodi addizzjonali ta' mhux aktar minn tliet xhur, bil-perjodu totali tas-sospensjoni li ma jeċċedix 12-il xahar. Kull estensjoni tas-sospensjoni għandha tiġi ppubblikata f'konformità mal-ħames subparagrafu.***

***L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 68(3). L-ESMA għandha, fi żmien biżżejjed qabel tmiem il-perjodu ta' sospensjoni msemmi fis-sitt subparagrafu jew qabel il-perjodu ta' estensjoni msemmi fis-seba' subparagrafu, toħroġ opinjoni lill-Kummissjoni dwar jekk għadhomx japplikaw ir-raġunijiet għas-sospensjoni.;"***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżistenza ta' xiri sfurzat obbligatorju mmexxi mir-regolament hija interferenza sinifikanti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet tat-titoli u l-funzjonament tas-swieq tat-titoli. Minħabba l-implikazzjonijiet li jista' jkollu l-użu mill-Kummissjoni Ewropea ta' xiri sfurzat obbligatorju, inkluż fir-rigward tan-nuqqas ta' disponibbiltà potenzjali ta' aġent tax-xiri sfurzat, huwa ssuġġerit li tiġi skartata kompletament il-possibbiltà ta' xiri sfurzat obbligatorju. It-tneħħija tal-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju hija wkoll l-approċċ preferut tal-BĊE kif espress fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022 (ara l-punt 1.4).*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt j**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 14a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14a. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 67 biex tissupplimenta dan ir-Regolament, li jispeċifikaw ir-raġunijiet għan-nuqqasijiet ta' saldu li għandhom jitqiesu bħala mhux attribwibbli għall-parteċipanti għat-tranżazzjoni u għat-tranżazzjonijiet li ma għandhomx jitqiesu li jinvolvu żewġ partijiet tan-negozjar skont il-paragrafu 2 ***u l-paragrafu 4, il-punti (c) u (d),*** ta' dan l-Artikolu.; | 14a. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 67 biex tissupplimenta dan ir-Regolament, li jispeċifikaw ir-raġunijiet għan-nuqqasijiet ta' saldu li għandhom jitqiesu bħala mhux attribwibbli għall-parteċipanti għat-tranżazzjoni u għat-tranżazzjonijiet li ma għandhomx jitqiesu li jinvolvu żewġ partijiet tan-negozjar skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda 11 proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. L-adozzjoni ta' atti delegati tal-Kummissjoni li jispeċifikaw l-esklużjonijiet li għadhom kif ġew introdotti mill-mekkaniżmu ta' penali fi flus hija kruċjali biex il-partijiet ikkonċernati rilevanti tas-suq jingħataw biżżejjed ċarezza sabiex jipproċedu bl-implimentazzjoni xierqa tar-reġim tad-dixxiplina tas-saldu. Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li tiġi skartata l-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju.*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ja (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 15 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) fil-paragrafu 15, l-ewwel subparagrafu, il-punti (c) sa (f) u l-punt (h) huma mħassra;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-punti c, d, e, f, u h ta' dan is-subparagrafu ma għadhomx rilevanti jekk l-applikazzjoni sħiħa tax-xiri sfurzat obbligatorju tiġi skartata.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt k**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 15 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].; | L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ***emendatorju***].; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda teknika-legali.*

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ka (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 7 – paragrafu 15a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ka) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"L-ESMA tista', f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-livelli fil-mira tal-effiċjenza tas-saldu, billi tqis fatturi bħal-likwidità tal-istrumenti finanzjarji, in-natura transfruntiera jew domestika tat-tranżazzjonijiet, u l-muniti li fihom jiġu saldati t-tranżazzjonijiet.*** |
| | ***Il-livelli fil-mira speċifikati fl-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom jikkontribwixxu għal valutazzjonijiet perjodiċi tal-impatt tal-penali fuq ir-rati tal-effiċjenza tas-saldu għal klassijiet differenti ta' assi, u, fejn xieraq, jipprovdu gwida għar-rikalibrar tat-tariffi applikabbli.*** |
| | ***Hija delegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tagħti lill-ESMA l-possibbiltà li tiddefinixxi l-livell(i) fil-mira tal-effiċjenza tas-saldu. Peress li l-ESMA l-ewwel ikollha bżonn tivvaluta l-fattibbiltà tad-definizzjoni ta' tali mira/i li jibqgħu sinifikanti fiż-żmien, b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq u l-iżviluppi tas-suq, huwa ssuġġerit li dan ma jsirx kompitu obbligatorju f'dan l-istadju. Il-livell(i) fil-mira tal-effiċjenza tas-saldu għandhom, fejn xieraq, jipprovdu gwida għar-rikalibrar tal-penali.*

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 19 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) fl-Artikolu 19, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. L-għoti ta' awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 għandu jsegwi l-proċedura stipulata fl-Artikolu 17. | "2 L-għoti ta' awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 għandu jsegwi l-proċedura stipulata fl-Artikolu 17 ***bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 17(4)***. |
| L-awtorità kompetenti għandha ***tgħarraf*** lis-CSD li japplika dwar jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew ġietx miċħuda fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta. | ***Darba li applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 titqies kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat l-informazzjoni kollha inkluża fl-applikazzjoni lill-awtoritajiet rilevanti u għandha tikkonsulta lil dawk l-awtoritajiet rigward il-karatteristiċi tas-sistema ta' saldu tat-titoli operata mis-CSD li japplika. Kull awtorità rilevanti tista' tinforma lill-awtorità kompetenti bil-fehmiet tagħha fi żmien tliet xhur mir-riċevuta tal-informazzjoni mill-awtorità rilevanti.*** |
| | L-awtorità kompetenti għandha ***tinforma*** lis-CSD li japplika ***u lill-awtoritajiet rilevanti*** dwar jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew ġietx miċħuda fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02014R0909-20220622&qid=1665050653870&from=MT)*

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li l-proposta REFIT tas-CSDR ma temendax l-Artikolu 19, l-emendi proposti għall-Artikolu 17 jimpattaw l-Artikolu 19 permezz tal-kontroreferenza. Peress li l-iskadenzi proposti fl-Artikolu 17(4) ma jidħlux fl-iskadenza ta' tliet xhur tal-Artikolu 19(2), huwa ssuġġerit li jiġi speċifikat li l-proċedura attwali ta' konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet tibqa' applikabbli fil-każ ta' konsultazzjonijiet tal-Artikolu 19. Biex ikompli jirrifletti l-Artikolu 17, huwa ssuġġerit li l-awtoritajiet ikkonsultati jiġu infurmati wkoll dwar ir-riżultati tal-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-estensjoni tal-attivitajiet u s-servizzi.*

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 20 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. CSD għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm proċedura adegwata biex jiżgura s-saldu u t-trasferiment f'waqthom u ordnati tat-trasferiment tal-assi tal-klijenti u l-parteċipanti lil CSD ieħor fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Tali proċeduri għandhom jinkludu t-trasferiment tal-kontijiet tal-ħruġ u r-rekords marbuta mal-forniment ta' servizzi ***ewlenin imsemmija fit-Taqsima A, il-punti 1 u 2, tal-Anness.;*** | 5. CSD għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm proċedura adegwata biex jiżgura s-saldu u t-trasferiment f'waqthom u ordnati tat-trasferiment tal-assi tal-klijenti u l-parteċipanti lil CSD ieħor fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Tali proċeduri għandhom jinkludu t-trasferiment tal-kontijiet tal-ħruġ ***jew rekords simili li jevidenzjaw il-ħruġ ta' titoli*** u r-rekords marbuta mal-forniment ta' servizzi ***notarili u servizzi ta' manutenzjoni ċentrali;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li dak tal-"kontijiet tal-ħruġ" huwa kunċett purament operattiv aktar milli wieħed legali, huwa ssuġġerit li tintuża referenza aktar ġenerika. Biex jiġi żgurat li din il-bidla tagħmel differenza fil-ħajja reali – minħabba li t-taqsima A, il-punt 2 tal-Anness tirreferi għal darb'oħra għal "kontijiet tat-titoli" – huwa ssuġġerit ukoll li ssir referenza għal "servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali" minflok għat-Taqsima A, il-punti 1 u 2 tal-Anness.*

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) proċeduri adegwati li ***jiżguraw is-saldu*** u t-trasferiment f'waqthom u b'mod ordnat tal-assi tal-klijenti u tal-parteċipanti għal CSD ieħor f'każ li jsir dejjem impossibbli għas-CSD li jirkupra l-operazzjonijiet u s-servizzi kritiċi tiegħu; | (c) proċeduri adegwati li ***jippermettu s-saldu*** u t-trasferiment f'waqthom u b'mod ordnat tal-assi tal-klijenti u tal-parteċipanti għal CSD ieħor f'każ li jsir dejjem impossibbli għas-CSD li jirkupra l-operazzjonijiet u s-servizzi kritiċi tiegħu; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fiż-żmien tal-abbozzar tal-pjanijiet għall-irkupru jew għall-istralċ ordnat tiegħu, CSD ma jistax jipprevedi ex ante dispożizzjonijiet li effettivament "jiżguraw" trasferiment f'waqtu peress li dan ikun jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi ex post. Għalhekk qed jiġi ssuġġerit li l-pjanijiet tas-CSD għandhom "jippermettu" dan l-objettiv.*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-CSD għandu jirrieżamina u jaġġorna l-pjanijiet regolarment u tal-anqas kull sentejn. Il-pjanijiet għandhom iqisu d-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-CSD ikkonċernat ***u kwalunkwe pjan ta' rkupru jew riżoluzzjoni rilevanti stabbilit f'konformità mad-Direttiva 2014/59/UE***. | Is-CSD għandu jirrieżamina u jaġġorna l-pjanijiet regolarment u tal-anqas kull sentejn. ***Il-pjanijiet għandhom jiġu approvati mill-korp maniġerjali jew minn kumitat adatt tal-korp maniġerjali u jiġu aġġornati regolarment. Kull aġġornament tal-pjanijiet għandu jiġi pprovdut lill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti tista' tesiġi lis-CSD jieħu miżuri addizzjonali jew jagħmel kwalunkwe dispożizzjoni alternattiva fejn l-awtorità kompetenti tikkunsidra li l-pjanijiet tas-CSD huma insuffiċjenti.*** Il-pjanijiet għandhom iqisu d-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-CSD ikkonċernat. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' konsistenza u qari, huwa ssuġġerit li titneħħa s-sentenza dwar l-approvazzjoni tal-bord u l-komunikazzjoni lill-awtorità kompetenti mill-Artikolu 47 u titmexxa għall-Artikolu 22.*

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fejn CSD ikun soġġett għad-Direttiva 2014/59/UE, is-CSD u l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandhom ifasslu pjan ta' rkupru u pjan ta' riżoluzzjoni rispettivament minflok il-pjanijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, skont dik id-Direttiva, b'kont meħud tal-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-CSDs b'liċenzja bankarja diġà huma soġġetti għar-regoli tal-BRRD għall-abbozzar tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni. L-għan ta' din l-emenda huwa li tevita duplikazzjoni bla bżonn u/jew inkonsistenzi possibbli.*

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta pjan ta' riżoluzzjoni jiġi stabbilit u miżmum għal CSD bil-għan li jiġu żgurati l-funzjonijiet ewlenin tiegħu, l-awtorità ***kompetenti*** għandha tinforma lill-ESMA b'dan. | Meta pjan ta' riżoluzzjoni jiġi stabbilit u miżmum għal CSD bil-għan li jiġu żgurati l-funzjonijiet ewlenin tiegħu, l-awtorità ***ta' riżoluzzjoni*** għandha tinforma lill-ESMA b'dan. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika dwar l-awtorità inkarigata mir-riżoluzzjoni.*

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 22 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. B'mod regolari u tal-anqas darba kull sentejn, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-awtoritajiet rilevanti u, fejn applikabbli, ***lill-kulleġġi*** msemmija fl-Artikolu 24a ta' dan ir-Regolament u lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE bir-riżultati tar-rieżami u tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali.; | 7. B'mod regolari u tal-anqas darba kull sentejn, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-awtoritajiet rilevanti u, fejn applikabbli, ***lill-kulleġġ tas-superviżuri*** msemmija fl-Artikolu 24a ta' dan ir-Regolament u lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE bir-riżultati tar-rieżami u tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali.; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji madankollu jidher sproporzjonat mil-lat operazzjonali. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 23 – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kwalunkwe CSD li jixtieq jipprovdi s-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ***tal-istrumenti finanzjarji*** kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat | Kwalunkwe CSD li jixtieq jipprovdi s-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ***tal-ishma*** kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor |

| | |
|---|---|
| Membru ieħor imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 49(1), għall-ewwel darba, jew biex tinbidel il-firxa ta' dawk is-servizzi pprovduti għandhom ***jissottomettu d-dokumenti bl-informazzjoni*** li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju: | imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 49(1), għall-ewwel darba, jew biex tinbidel il-firxa ta' dawk is-servizzi pprovduti għandhom ***jikkomunikaw l-informazzjoni*** li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda timxi fuq rakkomandazzjoni li saret mill-ESMA fir-rapport tagħha tal-5 ta' Novembru 2020 dwar is-servizzi transfruntiera u t-trattament tal-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 23 (ara r-rapport ESMA70-156-3569, il-paragrafu 84, l-aħħar inċiż). Huwa ssuġġerit li jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu li tiġi ppreżentata informazzjoni għal strumenti finanzjarji kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor għal ishma, peress li "l-applikazzjoni għal strumenti għajr ishma mhijiex proporzjonata u tiskatta konsegwenzi mhux intenzjonati u bla sens."*

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***programm*** ta' ***operazzjonijiet*** li ***jiddikjara b'mod partikolari*** s-servizzi li s-CSD ***ikun*** biħsiebu jipprovdi; | (b) ***it-tip*** ta' ***ishma kostitwiti skont il-liġi tal-Istat Membru ospitanti*** li ***fir-rigward tagħhom is-CSD biħsiebu jipprovdi servizzi u*** s-servizzi li s-CSD biħsiebu jipprovdi; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' konsistenza u qari, u biex jiġi żgurat li l-fergħat ma jitħallewx barra b'mod żbaljat mill-kamp ta' applikazzjoni u li l-kriterji rilevanti jiġu elenkati għas-sitwazzjoni rilevanti ta' passaportar, huwa ssuġġerit li l-Artikolu 23(3) jinqasam f'subparagrafi ddedikati: wieħed għas-servizzi kostitwiti fl-ambitu tal-liġi ta' Stat Membru ieħor, u wieħed għall-fergħat fi Stat Membru ieħor.*

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) fejn ikun hemm fergħa, l-istruttura organizzazzjonali tal-fergħa u l-ismijiet ta' dawk responsabbli għall-ġestjoni tal-fergħa;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' konsistenza u qari, u biex jiġi żgurat li l-fergħat ma jitħallewx barra b'mod żbaljat mill-kamp ta' applikazzjoni u li l-kriterji rilevanti jiġu elenkati għas-sitwazzjoni rilevanti ta' passaportar, huwa ssuġġerit li l-Artikolu 23(3) jinqasam f'subparagrafi ddedikati: wieħed għas-servizzi kostitwiti fl-ambitu tal-liġi ta' Stat Membru ieħor, u wieħed għall-fergħat fi Stat Membru ieħor.*

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 23 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. CSD li jixtieq jistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor għall-ewwel darba, jew li jixtieq jibdel l-għażla ta' servizzi pprovduti permezz ta' fergħa, għandu jikkomunika t-tagħrif li ġej lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:*** |
| | ***(a) l-Istat Membru ospitanti;*** |
| | ***(b) it-tip ta' ishma kostitwiti skont il-liġi tal-Istat Membru ospitanti li fir-rigward tagħhom is-CSD biħsiebu jipprovdi servizzi u s-servizzi li s-CSD biħsiebu jipprovdi;*** |

***(c) il-munita jew muniti li s-CSD ikun biħsiebu jipproċessa;***

***(d) l-istruttura organizzattiva tal-fergħa u l-ismijiet tal-persuni responsabbli mill-ġestjoni tal-fergħa.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' konsistenza u qari, u biex jiġi żgurat li l-fergħat ma jitħallewx barra b'mod żbaljat mill-kamp ta' applikazzjoni u li l-kriterji rilevanti jiġu elenkati għas-sitwazzjoni rilevanti ta' passaportar, huwa ssuġġerit li l-Artikolu 23(3) jinqasam f'subparagrafi ddedikati: wieħed għas-servizzi kostitwiti fl-ambitu tal-liġi ta' Stat Membru ieħor, u wieħed għall-fergħat fi Stat Membru ieħor.*

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 23 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fi żmien xahar mir-riċevuta tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti sakemm, meta tqis il-forniment tas-servizzi previsti, ma jkollhiex raġuni sabiex tiddubita l-adegwatezza tal-istruttura amministrattiva jew is-sitwazzjoni finanzjarja tas-CSD li jixtieq jipprovdi s-servizzi tiegħu fl-Istat Membru ospitanti. ***Meta s-CSD diġà jkun jipprovdi servizzi lil Stati Membri ospitanti oħra, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tinforma wkoll lill-kulleġġ ta' passaportar imsemmi fl-Artikolu 24a.*** | 4. Fi żmien xahar mir-riċevuta tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti sakemm, meta tqis il-forniment tas-servizzi previsti, ma jkollhiex raġuni sabiex tiddubita l-adegwatezza tal-istruttura amministrattiva jew is-sitwazzjoni finanzjarja tas-CSD li jixtieq jipprovdi s-servizzi tiegħu fl-Istat Membru ospitanti. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex ċar għala l-awtoritajiet minn Stat Membru ospitanti wieħed ikollhom bżonn jiġu infurmati dwar l-intenzjoni ta' CSD li jiftaħ fergħa jew li jagħti servizz lit-titoli skont il-liġijiet ta' Stat Membru ospitanti ieħor. Għalhekk huwa ssuġġerit li jitneħħa dan ir-rekwiżit li l-informazzjoni tan-negozju dwar CSD tiġi kondiviża b'dan il-mod.*

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 23 – paragrfu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***ta' domiċilju*** tiddeċiedi f'konformità mal-paragrafu 4 li ma tikkomunikax l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, hija għandha tagħti r-raġunijiet għar-rifjut tagħha lis-CSD ikkonċernat fi żmien ***tliet*** xhur minn meta tasal l-informazzjoni kollha u ***għandha*** tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membri ospitanti ***u lill-kulleġġ ta' passaportar imsemmi fl-Artikolu 24*** bid-deċiżjoni tagħha. | 5. Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***tad-domiċilju*** tiddeċiedi f'konformità mal-paragrafu 4 li ma tikkomunikax l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, hija għandha tagħti r-raġunijiet għar-rifjut tagħha lis-CSD ikkonċernat fi żmien ***3*** xhur minn meta tasal l-informazzjoni kollha u tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membri ospitanti bid-deċiżjoni tagħha. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex ċar għala l-awtoritajiet minn Stat Membru ospitanti wieħed ikollhom bżonn jiġu infurmati dwar l-intenzjoni ta' CSD li jiftaħ fergħa jew li jagħti servizz lit-titoli skont il-liġijiet ta' Stat Membru ospitanti ieħor. Għalhekk huwa ssuġġerit li jitneħħa dan ir-rekwiżit li l-informazzjoni tan-negozju dwar CSD tiġi kondiviża b'dan il-mod.*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 23 – paragrfu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. F'każ ta' bidla fl-informazzjoni ***stabbilita fid-dokumenti ppreżentati f'konformità mal-paragrafu*** 3 ta' dan l-Artikolu, CSD għandu jagħti avviż bil-miktub dwar dik il-bidla lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-anqas xahar qabel ma jimplimenta l-bidla. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ***u l-kulleġġ ta' passaportar imsemmija fl-Artikolu 24a għandhom jiġu infurmati wkoll b'dik*** il-bidla mingħajr dewmien mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***ta' domiċilju****.";* | 7. F'każ ta' bidla ***sostantiva*** fl-informazzjoni ***kkomunikata f'konformità mal-paragrafu 3 jew il-paragrafu*** 3***a*** ta' dan l-Artikolu, CSD għandu jagħti avviż bil-miktub dwar dik il-bidla lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-anqas xahar qabel ma jimplimenta l-bidla. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ***wkoll għandha tiġi mgħarrfa dwar dik*** il-bidla mingħajr dewmien mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***tad-domiċilju***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kelma "sostantiv" hija miżjuda biex tirrifletti aħjar il-prinċipju tal-proporzjonalità u biex tirrifletti l-formulazzjoni mill-Artikolu 16(4). Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li jitħassar id-dmir ta' informazzjoni propost lill-kulleġġ tal-Artikolu 24a peress li bidla f'dokument imressaq għal passaport wieħed ma tidhirx rilevanti fiha nfisha għal passaport ieħor.*

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***"Fuq talba ta' kwalunkwe membru tal-kulleġġ ta' passaportar imsemmi fl-Artikolu 24a, l-awtorità*** kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tista' tistieden persunal ***mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti u*** mill-ESMA biex jipparteċipaw fi spezzjonijiet fuq il-post. | ***"L-awtorità*** kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tista' tistieden persunal mill-ESMA biex jipparteċipaw fi spezzjonijiet fuq il-post.***"*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa ssuġġerit li jitħassru l-partijiet ta' din is-sentenza li joħolqu l-impressjoni żbaljata li s-superviżjoni ta' CSD hija eżerċizzju kollettiv mill-Istati Membri tal-UE. Peress li l-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti tal-fergħa huma diġà koperti mill-ewwel subparagrafu, f'dan is-subparagrafu l-istediniet għall-parteċipazzjoni fi spezzjonijiet fuq il-post għandhom ikunu limitati għall-ESMA.*

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ***tista'*** tibgħat lill-ESMA kwalunkwe informazzjoni riċevuta mingħand is-CSDs matul spezzjonijiet fil-post jew relattivament għalihom."; | L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ***għandha*** tibgħat lill-ESMA kwalunkwe informazzjoni ***sostantiva*** riċevuta mingħand is-CSDs matul spezzjonijiet fil-post jew relattivament għalihom."; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dmir tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju li jinforma lill-ESMA għandu jkun obbligatorju u mhux volontarju. Il-kelma "sostantiv" hija miżjuda biex tiġi evitata tagħbija żejda ta' dokumenti mingħajr valur miżjud għall-ESMA.*

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt aa (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| ***3. L-awtorità*** kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tas-CSD għandha, fuq talba | ***"L-awtorità*** kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tas-CSD għandha, fuq talba |

tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u mingħajr dewmien, tikkomunika l-identità tal-emittenti u tal-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli operati mis-CSD li jipprovdi servizzi ***f'dak l-Istat*** Membru ospitanti u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti rigward l-attivitajiet ta' ***dak is-CSD*** fl-Istat Membru ospitanti.

tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u mingħajr dewmien, tikkomunika l-identità tal-emittenti ***stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti*** u***/jew*** tal-parteċipanti ***li huma detenturi ta' strumenti finanzjarji kostitwiti skont il-liġijiet tal-Istat Membru ospitanti*** fis-sistemi ta' saldu tat-titoli operati mis-CSD li jipprovdi servizzi ***ewlenin imsemmija fit-Taqsima A, il-punti 1 u 2, tal-Anness fir-rigward ta' strumenti finanzjarji kostitwiti skont il-liġijiet tal-Istat*** Membru ospitanti***,*** u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti rigward l-attivitajiet ta' ***CSD li jipprovdi servizzi ewlenin*** fl-Istat Membru ospitanti ***permezz ta' fergħa***.***"***

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02014R0909-20220622&qid=1665050653870&from=MT)*

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità fid-divulgazzjoni tal-informazzjoni, huwa ssuġġerit li jiġi ċċarat it-tip ta' informazzjoni li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.*

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt c**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u dimostrabbli biex temmen li CSD li jipprovdi servizzi fit-territorju tagħha f'konformità mal-Artikolu 23 ikun qed jikser l-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju**,** lill-ESMA ***u lill-kulleġġ ta' passaportar*** imsemmi fl- | "Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u dimostrabbli biex temmen li CSD li jipprovdi servizzi fit-territorju tagħha f'konformità mal-Artikolu 23 ikun qed jikser l-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ***u*** lill-ESMA***. L-ESMA tistà tinforma lill-*** |

| | |
|---|---|
| Artikolu 24a b'dawk is-sejbiet. | ***kulleġġ*** imsemmi fl-Artikolu 24a b'dawk is-sejbiet. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tevita l-impressjoni żbaljata li s-superviżjoni ta' CSD hija eżerċizzju kollettiv mill-Istati Membri tal-UE. Mhux l-attivitajiet kollha tas-CSD huma rilevanti għall-awtoritajiet tal-Istati Membri ospitanti kollha. Dan huwa pereżempju l-każ għall-proċessi operazzjonali mfassla speċifikament biex jaġixxu bħala CSD emittent għal suq wieħed biss, jew meta CSD ikollu kwistjoni organizzattiva f'fergħa fi Stat Membru ospitanti wieħed biss.*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt c**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta, minkejja miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, is-CSD jippersisti fil-ksur tal-obbligi li ġejjin mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, wara li tkun informat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, tieħu l-miżuri adatti kollha meħtieġa sabiex tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ġewwa t-territorju tal-Istat Membru ospitanti. L-ESMA ***u l-kulleġġ ta' passaportar*** imsemmi fl-Artikolu 24a ***għandhom jiġu informati b'tali miżuri mingħajr dewmien***. | Meta, minkejja miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, is-CSD jippersisti fil-ksur tal-obbligi li ġejjin mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, wara li tkun informat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, tieħu l-miżuri adatti kollha meħtieġa sabiex tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ġewwa t-territorju tal-Istat Membru ospitanti. L-ESMA ***għandha tiġi mgħarrfa dwar tali miżuri mingħajr dewmien. L-ESMA tista' tinforma lill-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 24a b'dawk il-miżuri.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tevita l-impressjoni żbaljata li s-superviżjoni ta' CSD hija eżerċizzju kollettiv mill-Istati Membri tal-UE. Mhux l-attivitajiet kollha tas-CSD huma rilevanti għall-awtoritajiet tal-Istati Membri ospitanti kollha. Dan huwa pereżempju l-każ*

*għall-proċessi operazzjonali mfassla speċifikament biex jaġixxu bħala CSD emittent għal suq wieħed biss, jew meta CSD ikollu kwistjoni organizzattiva f'fergħa fi Stat Membru ospitanti wieħed biss.*

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt d**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24 – paragrafi 7 u 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***il-paragrafi 7 u*** 8 ***huma mħassra***; | (d) ***il-paragrafu*** 8 ***huwa mħassar***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-importanza sostanzjali ta' CSD għal Stat Membru ospitanti għandha tibqa' kriterju li jiddetermina l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti fi ftehimiet ta' kooperazzjoni. Huwa għalhekk issuġġerit li tinżamm il-formulazzjoni eżistenti tal-paragrafu 7.*

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kulleġġi tas-Superviżuri għas-CSDs ***li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor u għas-CSDs li huma parti minn grupp b'żewġ CSDs jew aktar*** | Kulleġġi tas-Superviżuri għas-CSDs |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat*

*mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-kulleġġi tas-superviżuri*** għandhom ***jiġu stabbiliti*** biex ***iwettqu l-kompiti*** msemmija fil-paragrafu 6 ***fil-każijiet*** li ***ġejjin:*** | ***L-awtoritajiet kompetenti nominati f'konformità mal-Artikolu 11*** għandhom ***jistabbilixxu, jimmaniġġjaw u jippresiedu kulleġġ ta' superviżuri*** biex ***iwettaq il-kompiti*** msemmija fil-paragrafu 6 ***fejn is-CSD*** li ***huma jissorveljaw ikun ta' importanza sostanzjali f'aktar minn Stat Membru ospitanti wieħed.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) meta CSD ikun soġġett għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(3) sa*** | ***imħassar*** |

***(7) ("kulleġġ ta' passaportar");***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) meta CSD ikun parti minn grupp li jinkludi żewġ CSD jew aktar awtorizzati f'mill-inqas żewġ Stati Membri ("kulleġġ fil-livell tal-grupp").*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fil-każ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-awtorità kompetenti ta' domiċilju tas-CSD għandha tistabbilixxi, timmaniġġja u tippresjedi l-kulleġġ ta' passaportar. Dak il-kulleġġ għandu jiġi stabbilit fi żmien xahar mid-data msemmija fl-Artikolu 23(6). Meta s-CSD jissottometti notifiki sussegwenti skont l-Artikolu 23(3), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti rilevanti lill-kulleġġ ta' passaportar fi żmien xahar mid-data msemmija fl-Artikolu 23(6).*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fil-każ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta l-impriża prinċipali tkun CSD awtorizzat fl-Unjoni, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ta' dak is-CSD għandha tistabbilixxi, timmaniġġja u tippresjedi l-kulleġġ fil-livell tal-grupp. Meta l-impriża prinċipali ma tkunx CSD awtorizzat fl-Unjoni, l-*** | ***imħassar*** |

***awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tas-CSD bl-akbar total tal-karta bilanċjali għandha tistabbilixxi, timmaniġġja u tippresjedi l-kulleġġ fil-livell tal-grupp.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 1 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***B'deroga mit-tielet subparagrafu, meta l-applikazzjoni tal-kriterji msemmija f'dak is-subparagrafu ma tkunx xierqa, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw bi qbil komuni għal dawk il-kriterji u jaħtru awtorità kompetenti ta' CSD differenti biex timmaniġġja u tippresjedi l-kulleġġ, b'kont meħud tas-CSD ikkonċernat u l-importanza relattiva tal-attivitajiet tagħhom fl-Istati Membri rilevanti. F'każijiet bħal dawn, is-CSD prinċipali jew is-CSD bl-akbar total fil-karta tal-bilanċ għandu, kif applikabbli, ikollu d-dritt li jinstema', qabel ma l-awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 1 – subparagrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA mingħajr dewmien bi kwalunkwe ftehim li jkun sar skont ir-raba' subparagrafu.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 2 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***fil-każ ta' kulleġġ ta' passaportar,*** | (d) ***mill-awtorità*** kompetenti tal-Istati |

| | |
|---|---|
| ***mill-awtorità*** kompetenti tal-Istati Membri ospitanti; | Membri ospitanti; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 2 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) fil-każ ta' kulleġġ fil-livell tal-grupp, mill-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti ta' kull CSD fil-grupp;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**

Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Fejn CSD li għalih ikun stabbilit kulleġġ f'konformità mal-paragrafu 1 ma jkunx ta' importanza sostanzjali fi Stat Membru fejn sussidjarja li tappartjeni lill-istess grupp ta' kumpaniji bħas-CSD, jew l-impriża prinċipali tiegħu, tkun stabbilita jew fejn is-CSD li għalih ikun stabbilit kulleġġ ikun intitolat li jipprovdi servizzi fi Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 23(2), l-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-kulleġġ stabbilit f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fuq talba tagħhom.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-CSDs li jappartjenu lill-istess grupp u awtoritajiet rilevanti, li huwa partikolarment importanti meta xi servizzi jiġu esternalizzati lil entitajiet tal-istess grupp ibbażati fi Stat Membru differenti, kif ukoll bejn l-awtoritajiet mill-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti fil-każ tal-passaporti.*

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta CSD soġġett għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(3) sa (7) ikun ukoll parti minn grupp li jinkludi żewġ CSD jew aktar u l-awtorità kompetenti tiegħu tkun il-President tal-kulleġġ fil-livell tal-grupp, dik l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li għandu jiġi stabbilit*** | ***imħassar*** |

***kulleġġ wieħed biss għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu għal dak is-CSD. Meta kwalunkwe wieħed mis-CSDs l-oħra fi ħdan il-grupp ikun soġġett ukoll għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(3) sa (7), il-President tal-kulleġġ jista' jieħu dik id-deċiżjoni biss bil-qbil tal-awtoritajiet kompetenti ta' dawk is-CSDs.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta kulleġġ stabbilit skont l-ewwel subparagrafu:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) jiltaqa' għall-eżerċitar tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 6, il-punti (a) sa (d), ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (f) ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' kull CSD fil-grupp għandhom jipparteċipaw f'dik il-laqgħa tal-kulleġġ;*** | |
| ***(b) jiltaqa' għall-eżerċitar tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 6, il-punt (e), ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a), (b), (c), (e) u, fejn applikabbli, (f) ta' dan l-Artikolu biss għandhom jipparteċipaw f'dik il-laqgħa*** | |

***tal-kulleġġ.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***fil-każ ta' kulleġġ ta' passaportar, il-kooperazzjoni*** tal-Istat Membru ta' domiċilju u dak ospitanti skont l-Artikolu 24 u fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 23(***4***), il-punt (e) u dwar kwalunkwe kwistjoni li wieħed jiltaqa' magħha fil-forniment ta' servizzi fi Stati Membri oħra; | (d) ***il-kooperazzjoni*** tal-Istat Membru ta' domiċilju u dak ospitanti skont l-Artikolu 24 u fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 23(***3***), il-punt (e) u dwar kwalunkwe kwistjoni li wieħed jiltaqa' magħha fil-forniment ta' servizzi fi Stati Membri oħra; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***fil-każ ta' kulleġġ fil-livell tal-grupp, l-iskambju*** ta' informazzjoni dwar ir-riżorsi kondiviżi u l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni fis-seħħ fi ħdan grupp ta' CSD skont l-Artikolu 19, dwar bidliet sinifikanti fl-istruttura u fis-sjieda tal-grupp, u dwar il-bidliet fl-organizzazzjoni, fil-maniġment superjuri, fil-proċessi jew fl-arranġamenti fejn dawk il-bidliet ikollhom impatt sinifikanti fuq il-governanza jew il-ġestjoni tar-riskju għas-CSD li jappartjeni għall-grupp. | (e) ***l-iskambju*** ta' informazzjoni dwar ir-riżorsi kondiviżi u l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni fis-seħħ fi ħdan grupp ta' CSD skont l-Artikolu 19, dwar bidliet sinifikanti fl-istruttura u fis-sjieda tal-grupp, u dwar il-bidliet fl-organizzazzjoni, fil-maniġment superjuri, fil-proċessi jew fl-arranġamenti fejn dawk il-bidliet ikollhom impatt sinifikanti fuq il-governanza jew il-ġestjoni tar-riskju għas-CSD li jappartjeni għall-grupp. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti bħalissa hija insuffiċjenti u l-arranġamenti superviżorji mhumiex effiċjenti, qed jiġi appoġġat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji li jippromwovu l-konverġenza superviżorja fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tas-CSDR. Il-ħolqien ta' żewġ tipi ta' kulleġġi superviżorji jidher, madankollu, sproporzjonat mill-perspettiva operattiva. Huwa għalhekk issuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssimplifikata u razzjonalizzata billi jkun meħtieġ il-ħolqien ta' kulleġġi bbażati fuq kriterju affidabbli eżistenti, jiġifieri l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stati Membri oħra.*

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Fuq talba ta' kwalunkwe wieħed mill-membri tiegħu, u mal-adozzjoni b'maġġoranza tal-kulleġġ f'konformità mal-paragrafu 6b, il-kulleġġ jista' jadotta*** |

***opinjonijiet vinkolanti fir-rigward ta' kwistjonijiet identifikati matul il-proċessi ta' rieżami u evalwazzjoni skont l-Artikolu 22 jew l-Artikolu 60, jew li huma relatati ma' kwalunkwe estensjoni jew esternalizzazzjoni ta' attivitajiet u servizzi skont l-Artikolu 19, jew li jikkonċernaw kwalunkwe ksur potenzjali tar-rekwiżiti tas-CSDR li jirriżulta mill-forniment ta' servizzi fi Stat Membru ospitanti kif imsemmi fl-Artikolu 24(5).***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-membri ta' kulleġġ għandhom ikunu jistgħu jitolbu l-adozzjoni ta' opinjonijiet vinkolanti dwar kwistjonijiet ta' applikazzjoni identifikati matul il-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni tas-CSDs u tal-forniturі ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju, l-estensjoni jew l-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet u s-servizzi pprovduti mis-CSD, u l-ksur potenzjali tar-rekwiżiti tas-CSDR li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi fi Stat Membru ospitanti. Il-kulleġġi għandhom għalhekk effettivament ikunu għodod għall-promozzjoni tal-konverġenza superviżorja. Il-proċess għall-adozzjoni tal-opinjonijiet għandu jiddependi fuq proċess ta' votazzjoni b'maġġoranza sempliċi.*

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 24a – paragrafu 6b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Opinjoni vinkolanti tal-kulleġġ għandha tiġi adottata fuq il-bażi ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu. Kull membru tal-kulleġġ għandu jkollu vot wieħed. Il-membri tal-kulleġġ li jaġixxu f'aktar minn kapaċità waħda, inkluż bħala awtorità kompetenti u bħala awtorità rilevanti, għandu jkollhom vot wieħed għal kull kapaċità li fiha jaġixxu.*** |
| | ***Meta l-EBA tkun membru tal-kulleġġ skont l-Artikolu 24a(2), il-membru votanti tagħha għandu jkollu drittijiet tal-vot biss fuq dawk l-opinjonijiet li jirrigwardaw il-*** |

***kwistjonijiet identifikati matul il-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni skont l-Artikolu 60.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tissuġġerixxi li biex il-kulleġġ jadotta opinjoni skont l-Artikolu 24a (ġdid), il-paragrafu 6a (ġdid), ikun hemm bżonn maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kulleġġ. B'mod partikolari tagħti wkoll drittijiet tal-vot lill-ESMA bħala membru sħiħ tal-kulleġġ, u b'hekk l-ESMA tkun tista' tidentifika u tindirizza l-kwistjonijiet ta' konverġenza superviżorja. Id-drittijiet tal-vot tal-EBA huma ristretti għal kwistjonijiet relatati ma' servizzi anċillari tat-tip bankarju.*

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 29 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) fl-Artikolu 29, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"(2a) Qabel ma juża s-servizzi ta' CSD, emittent għandu jiżgura li jiġi identifikat b'identifikatur ta' entità ġuridika (LEI) validu. CSD ma għandux jipprovdi servizzi fl-ambitu ta' dan ir-Regolament lil emittent qabel ma jikseb il-LEI mingħand dak l-emittent.";*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kodiċi tal-LEI huwa meħtieġ għal diversi entitajiet taħt regoli multipli, li l-ebda waħda minnhom ma tapplika direttament għall-emittenti kollha. Eż. l-obbligu tal-LEI mir-Regolament dwar il-Prospett japplika biss għall-emittenti tal-UE, bi żvantaġġ għalihom fil-konfront tal-emittenti mhux tal-UE; Ir-Regolament dwar standards tekniċi ta' implimentazzjoni (UE) 2017/394 huwa indirizzat lis-CSDs, li jista' jkun li mhux dejjem ikollhom il-mezzi biex jimponu dan fuq l-emittenti. Din l-emenda timponi obbligu dirett fuq l-emittenti kollha biex jiksbu kodiċi tal-LEI mingħajr ma joħolqu tfixkil fis-suq, peress li r-rekwiżit għas-CSDs diġà jeżisti, u leġiżlazzjoni oħra diġà tkopri r-rekwiżit għall-maġġoranza tal-emittenti.*

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 47 – paragrafu 1 – punt b

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) L-Artikolu 47 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| ***(b) jiżgura stralċ*** jew ***ristrutturar ordinat tal-attivitajiet tas-CSD fuq perijodu ta' żmien adatt għal minimu ta' sitt xhur f'medda ta' xenarji ta' stress***. | ***"(b) jippermetti l-istralċ*** jew ***ristrutturazzjoni ordinati tal-operazzjonijiet u s-servizzi tiegħu fejn is-CSD ma jkunx jista' jiġbor kapital ġdid***. |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02014R0909-20220622&qid=1665050653870&from=MT)*

*Ġustifikazzjoni*

*Fiż-żmien meta jkunu qed jiġu abbozzati l-pjanijiet għall-irkupru jew għall-istralċ ordinat tiegħu, CSD ma jistax jipprevedi ex ante dispożizzjonijiet li effettivament "jiżguraw" it-trasferiment f'waqtu peress li dan ikun jiddependi miċ-ċirkostanzi ex post. Għalhekk qed jiġi ssuġġerit li l-pjanijiet tas-CSD għandhom "jippermettu" dan l-objettiv. Għal raġunijiet ta' konsistenza u qari, huwa ssuġġerit li s-sentenza dwar l-approvazzjoni tal-bord u l-komunikazzjoni lill-awtorità kompetenti titneħħa mill-Artikolu 47 u titmexxa għall-Artikolu 22.*

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 47 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |

| | |
|---|---|
| ***Il-pjan għandu jiġi approvat mill-korp maniġerjali jew kumitat adatt tal-korp maniġerjali u jiġi aġġornat regolarment. Kull aġġornament tal-pjan għandu jiġi pprovdut lill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti tista' tesiġi lis-CSD jieħu miżuri addizzjonali jew jagħmel dispożizzjonijiet alternattivi fejn l-awtorità kompetenti tikkunsidra li l-pjan tas-CSD huwa insuffiċjenti.*** | ***"Il-pjan meħtieġ skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandu jiġi abbozzat f'konformità mal-Artikolu 22.".*** |

Or. en

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14b (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 47a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 47a*** |
| | ***Kalkolu fuq Bażi Netta (Netting)*** |
| | ***1. Is-CSDs għandhom jindikaw espressament fir-regoli interni tagħhom jekk japplikawx arranġamenti ta' netting.*** |
| | ***2. Is-CSDs li japplikaw arranġamenti ta' netting għandhom ikejlu, jimmonitorjaw u jimmaniġġjaw ir-riskji tal-kreditu u tal-likwidità li jirriżultaw mill-arranġamenti ta' netting.*** |
| | ***3. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u l-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jkomplu jispeċifikaw aktar id-dettalji tal-oqfsa u l-għodod għall-monitoraġġ, il-kejl, il-ġestjoni, ir-rappurtar u d-divulgazzjoni pubblika tar-riskji li jirriżultaw mill-arranġamenti ta' netting.*** |
| | ***L-ESMA għandha tressaq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-*** |

***ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].***

***Il-Kummissjoni qed tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Emenda 15 ġiet proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. Kif rifless f'diversi prinċipji tal-Prinċipji għall-Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji (PFMIs) maħruġa mill-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu (CPPSS) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO), huma meħtieġa rekwiżiti speċifiċi biex jiġu indirizzati r-riskji li jirriżultaw mill-arranġamenti ta' netting tas-CSDs. Dawn għandhom japplikaw għas-CSDs kollha li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli li jużaw arranġamenti ta' netting, irrispettivament minn jekk dawk is-CSDs jipprovdux servizzi anċillari tat-tip bankarju jew le.*

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14c (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14c) fl-Artikolu 49(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| ***Emittent*** għandu jkollu d-dritt li jagħmel arranġamenti sabiex it-titoli tiegħu li jkunu ġew aċċettati biex jiġu negozjati fi swieq regolati jew MTFs jew negozjati f'ċentri ta' negozjar jiġu rreġistrati fi kwalunkwe CSD stabbilit fi kwalunkwe Stat Membru, soġġett għall-konformità minn dak is-CSD mal-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23. | ***"Emittent*** għandu jkollu d-dritt li jagħmel arranġamenti sabiex it-titoli tiegħu li jkunu ġew aċċettati biex jiġu negozjati fi swieq regolati jew MTFs jew negozjati f'ċentri ta' negozjar jiġu rreġistrati fi kwalunkwe CSD stabbilit fi kwalunkwe Stat Membru ***u, f'każ tal-ishma***, soġġett għall-konformità minn dak is-CSD mal-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23.***"*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:32014R0909#d1e3629-1-1)*

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament wara s-suġġeriment li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 23(3)(e) tas-CSDR jiġi limitat għall-ishma.*

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt b – punt iia (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 54 – paragrafu 4 – punt d

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iia) il-punt (d) huwa ssostitwit b'dan li ġej:*** |
| ***(d)*** l-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (a) tintuża biss biex ***jingħataw is-servizzi*** anċillari ***ta' tip*** bankarju msemmija fit-Taqsima C tal-Anness, u mhux biex titwettaq xi attività oħra; | ***"(d) Fejn CSD jfittex li jinnomina istituzzjoni ta' kreditu li hija stess ma twettaq l-ebda wieħed mis-servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A tal-Anness,*** l-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (a) tintuża biss biex ***tipprovdi s-servizzi*** anċillari ***tat-tip*** bankarju msemmija fit-Taqsima C tal-Anness ***għas-saldu tal-komponent ta' flus li jikkorrispondi għat-tranżazzjonijiet fis-sistema ta' saldu tat-titoli tas-CSD li jkun qed ifittex li juża s-servizzi anċillari tat-tip bankarju f'munita li mhijiex dik tal-pajjiż fejn iseħħ is-saldu***, u mhux biex titwettaq xi attività oħra;<br>***Fejn CSD jfittex li juża CSD li jkun awtorizzat skont il-paragrafu 3, l-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (a) tintuża biss biex jiġu pprovduti s-servizzi anċillari tat-tip bankarju fit-Taqsima C tal-Anness għas-saldu tal-komponent ta' flus li jikkorrispondi għat-tranżazzjonijiet fis-sistema ta' saldu tat-titoli tas-CSD li jkun qed ifittex li juża s-servizzi anċillari tat-tip bankarju f'munita li mhijiex dik tal-pajjiż fejn iseħħ is-saldu, u mhux biex titwettaq xi attività oħra;"*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02014R0909-20220622&qid=1665050653870&from=MT)*

*Ġustifikazzjoni*

*Abbażi tal-emenda 12 proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. L-ambitu tas-servizzi li għandhom jiġu offruti mis-CSDs bankarji lis-CSDs utenti għandu jkun limitat għal servizzi pprovduti għall-finijiet ta' saldu f'muniti barranin. Il-bidla żgħira lis-suġġeriment tal-BĊE — il-kliem "li jikkorrispondi għal" — għandha l-għan li tevita kwalunkwe perċezzjoni żbaljata li s-saldu tal-komponent ta' flus kontanti jista' jseħħ fis-sistema ta' saldu tat-titoli tas-CSD li jkun qed ifittex li juża s-servizzi anċillari bankarji u b'hekk tiċċara li s-saldu ta' komponenti ta' flus kontanti jista' jsir biss minn CSDs bankarji jew istituzzjonijiet ta' kreditu nominati.*

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt c**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 54 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-awtorità kompetenti*** għandha tara li, tal-anqas darba fis-sena, l-limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu jiġi rispettat u għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha ***lill-ESMA***, lis-SEBĊ u lill-EBA. ***Meta l-awtorità kompetenti*** tiddetermina li jkun inqabeż il-limitu, għandha titlob lis-CSD ***sabiex*** ifittex awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 4. Is-CSD kkonċernat għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni fi żmien sitt xhur."***;*** | ***L-ESMA*** għandha tara li, tal-anqas darba fis-sena, l-limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu jiġi rispettat u għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha ***lill-awtorità kompetenti***, lis-SEBĊ u lill-EBA. ***Fejn l-ESMA*** tiddetermina li jkun inqabeż il-limitu, ***l-awtorità kompetenti*** għandha titlob lis-CSD ***kkonċernat*** ifittex awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 4. Is-CSD kkonċernat għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni fi żmien sitt xhur." |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jidher li huwa ġġustifikat li l-ESMA tingħata r-responsabbiltà li timmonitorja l-konformità mal-limitu.*

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt d**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 54 – paragrafu 9 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-EBA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina l-ammont massimu msemmi fil-paragrafu 5, b'kont meħud ***tal-ħtieġa li jiġu bbilanċjati r-riskji*** ta' ***kreditu u ta' likwidità għas-CSD li jirriżultaw mis-saldu ta' pagamenti fi flus permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-ħtieġa li s-CSD jitħalla jagħmel saldu f'muniti barranin permezz ta' kontijiet miftuħa ma' tali istituzzjonijiet ta' kreditu.*** Meta tiżviluppa ***dawn*** l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-EBA għandha tiddetermina wkoll***, fejn meħtieġ, kwalunkwe*** ġestjoni xierqa tar-riskju u rekwiżiti ta' mitigazzjoni prudenzjali li jakkumpanjaw. | L-EBA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina l-ammont massimu msemmi fil-paragrafu 5, b'kont meħud ta'***:*** |
| | ***(i) il-ħtieġa li jiġu bbilanċjati r-riskji ta' kreditu u ta' likwidità għas-CSD għall-istituzzjonijiet ta' kreditu nnominati u għall-parteċipanti tas-CSD li jirriżultaw mis-saldu ta' pagamenti fi flus permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet ta' kreditu eżentati mill-applikazzjoni tal-paragrafu 4 u l-ħtieġa li s-CSD jitħalla jagħmel saldu f'muniti barranin permezz ta' kontijiet miftuħa ma' tali istituzzjonijiet ta' kreditu.*** |
| | ***(ii) l-implikazzjonijiet għall-istabbiltà tas-suq li jistgħu jirriżultaw minn bidla fil-profil tar-riskju tas-CSDs, filwaqt li tqis l-importanza sistemika tagħhom għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli;*** |
| | ***(iii) il-ħtieġa li jiġu evitati kemm bidla mhux intenzjonata mis-saldu fi flus tal-bank ċentrali għal saldu fi flus tal-bank kummerċjali kif ukoll diżinċentivi għall-*** |

***isforzi tas-CSDs biex jiksbu saldu fi flus tal-bank ċentrali;***

***(iv) gwida globali eżistenti bħall-Prinċipji għall-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji.***

Meta tiżviluppa ***dawk*** l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-EBA għandha tiddetermina wkoll il-ġestjoni xierqa tar-riskju u rekwiżiti ta' mitigazzjoni prudenzjali li jakkumpanjawhom.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li tindirizza t-tħassib espress mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022 dwar servizzi anċillari tat-tip bankarju. Barra minn hekk, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju huma dejjem meħtieġa għall-konformità mal-Prinċipji għall-Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji (PFMI).*

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 55 – paragrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) fl-Artikolu 55, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"6a. L-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinforma lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4, il-punti (a) sa (e), bir-riżultati tal-proċess ta' awtorizzazzjoni, inkluża kwalunkwe azzjoni ta' rimedju.".*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha l-għan li żżid rekwiżit simili għas-servizzi anċillari tat-tip bankarju bħal dak propost fil-proposta tal-Kummissjoni għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 17 (ara l-paragrafu 7a l-ġdid propost fl-ambitu ta' dak l-Artikolu).*

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a – punt iii**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 59 – paragrafu 4 – punt k

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(iii) jiżdied il-punt (k) li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"(k) għandu jimmonitorja u jimmaniġġja b'mod adegwat kwalunkwe riskju, inklużi arranġamenti ta' netting rilevanti fir-rigward tal-komponent ta' flus tal-mudell ta' saldu applikat tiegħu.";*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din iż-żieda ssir żejda jekk tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-BĊE biex jiddaħħlu dispożizzjonijiet speċifiċi li jindirizzaw ir-riskji li jirriżultaw minn arranġamenti ta' netting.*

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt a**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 60 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jivvalutaw regolarment, u tal-inqas ***darba fis-sena***, jekk l-istituzzjoni ta' kreditu nominata jew is-CSD awtorizzat biex jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju jikkonformawx mal-Artikolu 59 u għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti tas-CSD li għandha mbagħad tgħarraf lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) u, fejn applikabbli, ***il-kulleġġi msemmija*** fl-Artikolu 24a, bir-riżultati, inkluż bi kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali, | "L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jivvalutaw regolarment, u tal-inqas ***kull sentejn***, jekk l-istituzzjoni ta' kreditu nominata jew is-CSD awtorizzat biex jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju jikkonformawx mal-Artikolu 59 u għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti tas-CSD li għandha mbagħad tgħarraf lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) u, fejn applikabbli, ***il-kulleġġ imsemmija*** fl-Artikolu 24a, bir-riżultati, inkluż bi kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali, |

| | |
|---|---|
| tas-superviżjoni tagħha skont dan il-paragrafu."; | tas-superviżjoni tagħha skont dan il-paragrafu."; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Amendment 13 proposed by the ECB in its opinion of 28 July 2022. Għal raġunijiet ta' konsistenza, hemm mertu fl-allinjament tal-frekwenza minima proposta li biha l-awtoritajiet kompetenti tas-CSD u l-awtoritajiet imsemmija fil-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrieżaminaw u jevalwaw il-konformità mas-CSDR tas-servizzi anċillari tat-tip bankarju mal-frekwenza tar-rieżami u l-evalwazzjoni tas-CSDs. Huwa ssuġġerit li l-frekwenza ta' tali valutazzjoni tiġi estiża għal kull sentejn.*

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20 – punt b**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 60 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***fil-paragrafu*** 2***, it-tieni subparagrafu jinbidel*** b'dan li ġej | (b) ***il-paragrafu*** 2 ***huwa sostitwit*** b'dan li ġej***:*** |
| | ***"2. L-awtorità kompetenti tas-CSD għandha, wara li tikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 u mal-awtoritajiet rilevanti, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 55(5), tirrieżamina u tevalwa mill-inqas ta' kull sentejn dan li ġej:*** |
| | ***(a) fil-każ imsemmi fl-Artikolu 54(2), il-punt (b), jekk l-arranġamenti kollha meħtieġa bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu nominati u s-CSD jippermettulhomx jissodisfaw l-obbligi tagħhom kif stabbiliti f'dan ir-Regolament;*** |
| | ***(b) fil-każ imsemmi fl-Artikolu 54(2), il-punt (a), jekk l-arranġamenti dwar l-awtorizzazzjoni biex jingħataw servizzi anċillari tat-tip bankarju jippermettux lis-CSD jissodisfa l-obbligi tiegħu kif stabbiliti f'dan ir-Regolament.*** |
| ***B'mod*** regolari u tal-anqas ***darba f'sena***, l- | ***"B'mod*** regolari u tal-anqas ***kull sentejn***, l- |

| | |
|---|---|
| awtorità kompetenti tas-CSD għandha tgħarraf lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) u, fejn applikabbli, ***il-kulleġġi msemmija*** fl-Artikolu 24a, dwar ir-riżultati, inkluż kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali, ***bl-eżami*** u l-evalwazzjoni tagħha skont dan il-paragrafu.***";*** | awtorità kompetenti tas-CSD għandha tgħarraf lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) u, fejn applikabbli, ***lill-kulleġġ imsemmi*** fl-Artikolu 24a, dwar ir-riżultati, inkluż kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali, ***bir-rieżami*** u l-evalwazzjoni tagħha skont dan il-paragrafu.<br>***Meta CSD jinnomina istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 54 bil-ħsieb tal-protezzjoni tal-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jiżgura li jkollu aċċess mill-istituzzjoni ta' kreditu li jinnomina għall-informazzjoni meħtieġa kollha għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Is-CSD għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti tiegħu, u lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, kwalunkwe nuqqas mill-istituzzjoni ta' kreditu nominata milli tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.".*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Abbażi tal-emenda 13 proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. Għal raġunijiet ta' konsistenza, hemm mertu fl-allinjament tal-frekwenza minima proposta li biha l-awtoritajiet kompetenti tas-CSD u l-awtoritajiet imsemmija fil-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirrieżaminaw u jevalwaw il-konformità mas-CSDR tas-servizzi anċillari tat-tip bankarju mal-frekwenza tar-rieżami u l-evalwazzjoni tas-CSDs. Huwa ssuġġerit li l-frekwenza ta' tali valutazzjoni tiġi estiża għal kull sentejn.*

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt ca (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 69 – paragrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"6a. L-emittenti li għalihom CSD diġà jipprovdi servizzi fi... [id-data tad-dħul fis-*** |

***seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju [REFIT tas-CSDR]] għandhom jiksbu u jipprovdu l-LEI tagħhom lis-CSD fi żmien sena minn dik id-data.".***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kodiċi tal-LEI huwa meħtieġ għal diversi entitajiet taħt regoli multipli, li l-ebda waħda minnhom ma tapplika direttament għall-emittenti kollha. Eż. l-obbligu tal-LEI mir-Regolament dwar il-Prospett japplika biss għall-emittenti tal-UE, bi żvantaġġ għalihom fil-konfront tal-emittenti mhux tal-UE; Ir-Regolament dwar standards tekniċi ta' implimentazzjoni (UE) 2017/394 huwa indirizzat lis-CSDs, li jista' jkun li mhux dejjem ikollhom il-mezzi biex jimponu dan fuq l-emittenti. Din l-emenda timponi obbligu dirett fuq l-emittenti kollha biex jiksbu kodiċi tal-LEI mingħajr ma joħolqu tfixkil fis-suq, peress li r-rekwiżit għas-CSDs diġà jeżisti, u leġiżlazzjoni oħra diġà tkopri r-rekwiżit għall-maġġoranza tal-emittenti.*

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 72

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) L-Artikolu 72 huwa mħassar.*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32014R0909#d1e5083-1-1)*

*Ġustifikazzjoni*

*It-tneħħija tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ir-Regolament dwar il-Bejgħ bin-Nieqes (Bejgħ ta' Pożizzjoni Qasira) – SSR) permezz tal-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (CSDR), daħlet fis-seħħ fi Frar 2022 skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 76(5) tas-CSDR. Dan kien iġġustifikat minħabba li d-dispożizzjonijiet tax-xiri sfurzat tas-CCP tal-SSR kontra l-bejgħ skopert ta' pożizzjoni qasira mbagħad ikunu koperti mid-dispożizzjonijiet tax-xiri sfurzat tas-CSDR. Flimkien mad-dewmien tar-reġim tax-xiri sfurzat tas-CSDR, it-tneħħija tal-Artikolu 15 tal-SSR ħalliet lakuna fil-leġiżlazzjoni. B'mod parallel mas-suġġeriment li tiġi skartata l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tax-xiri sfurzat tas-CSDR, huwa ssuġġerit li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu introdotti mill-ġdid fl-SSR.*

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt a – punt iiia (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 74 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iiia) jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***"(la) il-benefiċċji u l-isfidi potenzjali li l-adozzjoni ta' ċiklu ta' saldu T+1 tirrappreżenta, inkluża valutazzjoni tal-impatt tiegħu fuq ir-riskji tal-kontroparti, tas-suq, tal-kreditu u operazzjonali, l-impatt tiegħu fuq il-kompetittività globali u l-attraenza tas-swieq kapitali tal-Unjoni, u l-impatt u l-fattibbiltà tiegħu fil-kuntest tal-livell ta' effiċjenza tas-saldu fis-swieq kapitali tal-Unjoni.";*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa ssuġġerit li l-ESMA tagħmel rapport tal-kosti u l-benefiċċji relatati mat-tnaqqis taċ-ċiklu tas-saldu mill-istandard T+2 attwali għal T+1. Il-Kummissjoni għandha tqis is-sejbiet ta' tali rapport meta tkun qed tirrieżamina r-REFIT tas-CSDR.*

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt b**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 74 – paragrafu 1a – punt (d)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) fuq talba tal-Kummissjoni, għar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e), (h), (j) u (***k***); | (d) fuq talba tal-Kummissjoni, għar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e), (h), (j)***, (k)*** u (***la***); |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa ssuġġerit li r-rapport propost fl-emenda għall-paragrafu 1 tal-Artikolu 74 dwar migrazzjoni possibbli lejn ċiklu ta' saldu T+1 għandu jitressaq lill-Kummissjoni fuq talba tagħha.*

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Regolament (UE) Nru 909/2014
Artikolu 75 – paragrfu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa …[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tħejji rapport ġenerali dwar dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jivvaluta l-kwistjonijiet imsemmija ***fil-punti*** (a) sa (***l***) ***tal-Artikolu 74***(***1***), jistabbilixxi jekk hemmx ostakli sostantivi għall-kompetizzjoni fir-rigward tas-servizzi soġġetti għal dan ir-Regolament li ma humiex indirizzati biżżejjed u jistabbilixxi l-ħtieġa potenzjali li jiġu applikati miżuri ulterjuri biex: | Sa …[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tħejji rapport ġenerali dwar dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jivvaluta l-kwistjonijiet imsemmija ***fl-Artikolu 74(1), il-punti*** (a) sa (***la***) ***u fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament*** (***UE***) ***2022/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[43a], jistabbilixxi jekk hemmx ostakli sostantivi għall-kompetizzjoni fir-rigward tas-servizzi soġġetti għal dan ir-Regolament li ma humiex indirizzati biżżejjed u jistabbilixxi l-ħtieġa potenzjali li jiġu applikati miżuri ulterjuri biex: |
| | ***[43a] Ir-Regolament (UE) 2022/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE (ĠU L 151, 2.6.2022, p. 1).*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa ssuġġerit li r-rapport propost fl-emenda għall-paragrafu 1 tal-Artikolu 74 dwar migrazzjoni possibbli lejn ċiklu ta' saldu T+1 għandu jitqies mill-Kummissjoni meta tkun qed taħdem fuq ir-rieżami tagħha tar-REFIT tas-CSDR. Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li l-Kummissjoni tqis ukoll l-evalwazzjoni tar-Reġim Pilota tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT), u b'hekk tqis modifiki relatati mad-DLT għas-CSDR li jistgħu jikkontribwixxu biex jagħmluh aktar idonea għall-era diġitali, jekk u fejn xieraq.*

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 236/2012
Artikolu 15

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 1a*** |
| | ***Emenda għar-Regolament (UE) Nru 236/2012*** |
| | ***Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 15*** |
| | ***Proċeduri ta' xiri sfurzat*** |
| | ***Kontroparti ċentrali fi Stat Membru li tipprovdi servizzi tal-ikklerjar (clearing) għall-ishma għandha tiżgura li jkunu fis-seħħ proċeduri li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:*** |
| | ***(a) fejn persuna fiżika jew ġuridika li tbigħ ishma ma tkunx tista' tikkonsenja l-ishma għas-saldu fi żmien erbat ijiem ta' negozju mill-jum li fih ikun dovut is-saldu, jiskattaw awtomatikament proċeduri għax-xiri sfurzat tal-ishma sabiex jiżguraw il-konsenja għas-saldu;*** |
| | ***(b) fejn ix-xiri sfurzat tal-ishma għall-konsenja ma jkunx possibbli, jitħallas ammont lix-xerrej abbażi tal-valur tal-ishma li jrid jiġi kkonsenjat fid-data tal-konsenja flimkien ma' ammont għal telf imġarrab mix-xerrej bħala riżultat tal-falliment tas-saldu;*** |

***(c) il-persuna fiżika jew ġuridika li tonqos milli ssalda għandha tirrimborsa l-ammonti kollha mħallsa kollha skont il-punti (a) u (b).***

***Kontroparti ċentrali fi Stat Membru li tipprovdi servizzi tal-ikklerjar (clearing) għall-ishma għandha tiżgura li jkunu fis-seħħ proċeduri biex tiżgura li meta persuna fiżika jew ġuridika li tbigħ ishma tonqos milli tikkonsenja l-ishma għas-saldu sad-data li fiha jkun dovut is-saldu, din il-persuna tkun meħtieġa tagħmel pagamenti kuljum għal kull jum li s-saldu jibqa' ma jseħħx.***

***Il-pagamenti ta' kuljum imsemmija fit-tielet subparagrafu għandhom ikunu għoljin biżżejjed biex iservu ta' deterrent għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jonqsu milli jsaldaw."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tneħħija tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ir-Regolament dwar il-Bejgħ bin-Nieqes (Bejgħ ta' Pożizzjoni Qasira) – SSR) permezz tal-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (CSDR), daħlet fis-seħħ fi Frar 2022 skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 76(5) tas-CSDR. Dan kien iġġustifikat minħabba li d-dispożizzjonijiet tax-xiri sfurzat tas-CCP tal-SSR kontra l-bejgħ skopert ta' pożizzjoni qasira mbagħad ikunu koperti mid-dispożizzjonijiet tax-xiri sfurzat tas-CSDR. Flimkien mad-dewmien tar-reġim tax-xiri sfurzat tas-CSDR, it-tneħħija tal-Artikolu 15 tal-SSR ħalliet lakuna fil-leġiżlazzjoni. B'mod parallel mas-suġġeriment li tiġi skartata l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tax-xiri sfurzat tas-CSDR, huwa ssuġġerit li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu introdotti mill-ġdid fl-SSR.*

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, l-Artikolu 1, il-punt (***2)(a), il-punt (***9), il-punt (10)(a), il-punt (17)(c), il-punt (19)(a) u l-punt (23)(b), it-tieni subparagrafu, għandhom japplikaw minn …. [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = | Madankollu, l-Artikolu 1, il-punt (9), il-punt (10)(a), il-punt (17)(c), il-punt (19)(a) u l-punt (23)(b), it-tieni subparagrafu, għandhom japplikaw minn …. [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara |

| | |
|---|---|
| 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. | d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].<br>***L-Artikoli 1, il-punt 2, għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(14a).***<br>***L-Artikoli 1, il-punt 14b, ta' dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 47a(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Emenda 16 ġiet proposta mill-BĊE fl-opinjoni tiegħu tat-28 ta' Lulju 2022. Meta d-dettalji tal-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim tad-dixxiplina dwar is-saldu jiġu speċifikati fl-atti delegati tal-Kummissjoni, is-CSDs u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jingħataw biżżejjed żmien biex jaġġustaw is-sistemi tagħhom. Huwa għalhekk issuġġerit li l-perjodu ta' 24 xahar, li r-regolament propost jikkontempla bejn l-adozzjoni tar-regolament propost u d-dħul fis-seħħ tal-kamp ta' applikazzjoni emendat tar-reġim tad-dixxiplina dwar is-saldu, għandu jibda biss mal-adozzjoni tal-atti delegati rilevanti tal-Kummissjoni.*

# NOTA SPJEGATTIVA

## 1. Kuntest

Fis-16 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta REFIT li temenda r-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward tad-dixxiplina fir-rigward tas-saldu, il-forniment transfruntier tas-servizzi, il-kooperazzjoni superviżorja, il-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju u r-rekwiżiti għad-depożitorji ċentrali tat-titoli (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli jew "CSDR") ta' pajjiżi terzi.

Is-CSDR ġie adottat fl-2014 wara l-kriżi finanzjarja biex itejjeb is-sikurezza u l-effiċjenza tas-saldu kif ukoll biex jipprovdi sett ta' rekwiżiti komuni għad-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CSDs) madwar l-UE.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-2020 u l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2021 ħabbru l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta leġiżlattiva biex temenda s-CSDR ħalli ttejjeb l-effiċjenza u l-effettività tiegħu u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' swieq tas-saldu aktar effiċjenti fl-UE.

F'dan il-kuntest, filwaqt li tibni fuq ir-riżultati ta' konsultazzjoni mmirata dwar ir-rieżami obbligatorju tas-CSDR, il-proposta emendatorja (il-"proposta CSDR REFIT") għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità u l-piżijiet regolatorji għas-CSDs, kif ukoll li tiffaċilita l-kapaċità tas-CSDs li joffru firxa usa' ta' servizzi transfruntiera, filwaqt li ttejjeb ukoll is-superviżjoni transfruntiera tagħhom.

Id-dispożizzjonijiet ewlenin fil-proposta għal REFIT tas-CSDR tal-Kummissjoni huma relatati ma':

- Dixxiplina fir-rigward tas-saldu: l-introduzzjoni ta' "approċċ f'żewġ stadji" fejn ix-xiri sfurzat obbligatorju jista' jsir applikabbli jekk u meta r-reġim tal-penali waħdu ma jtejjibx il-fallimenti tas-saldu fl-UE.

- **Servizzi anċillari tat-tip bankarju**: l-emendar tal-kundizzjonijiet li taħthom is-CSDs jistgħu jaċċessaw is-servizzi bankarji billi jiġi rieżaminat il-limitu għal tali servizzi u titwessa' l-firxa ta' fornituri għal tali servizzi.

- Passaportar: is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti biex is-CSDs joperaw madwar l-UE b'liċenzja waħda, billi jitneħħew il-proċeduri għaljin u duplikattivi.

- **Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji**: l-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-kulleġġi tas-superviżuri għal ċerti CSDs.

- **Sorveljanza tas-CSDs ta' pajjiżi terzi**: it-tneħħija gradwali tal-klawsola ta' anterjorità u l-introduzzjoni ta' rekwiżit ta' notifika għas-CSDs ta' pajjiżi terzi biex jiġi żgurat li l-ESMA u s-superviżuri nazzjonali jkollhom informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom fl-UE.

## 2. Proċedura fil-Parlament Ewropew

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) inħatar bħala l-Kumitat ewlieni biex jittratta l-proposta.

## 3. Abbozz ta' rapport

Peress li s-CSDs huma istituzzjonijiet finanzjarji ta' importanza sistemika, huwa essenzjali li jkunu soġġetti għal qafas regolatorju aġġornat li jiżgura s-sikurezza u l-effiċjenza tax-xenarju ta' wara n-negozjar fl-UE. Ir-Rapporteur tagħkom jilqa', għalhekk, il-proposta għal REFIT tas-CSDR. Huwa jappoġġa bis-sħiħ l-objettiv ġenerali tagħha kif ukoll id-direzzjoni ġenerali tal-emendi mmirati proposti. Madankollu huwa tal-fehma li l-proposta tista' tiġi emendata b'mod pożittiv fir-rigward ta' għadd ta' karatteristiċi ewlenin. Huwa jissuġġerixxi b'mod partikolari l-modifiki ewlenin li ġejjin.

- **Dixxiplina fir-rigward tas-saldu**: it-tneħħija tar-reġim obbligatorju tax-xiri sfurzat (MBI) u t-tisħiħ tar-reġim tal-penali

F'konformità mal-approċċ preferut tal-BĊE kif espress fl-opinjoni tiegħu dwar ir-REFIT tas-CSDR, ir-Rapporteur tagħkom iqis l-MBIs xprunati mir-regolamenti bħala interferenza sinifikanti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet tat-titoli u l-funzjonament tas-swieq tat-titoli. Barra minn hekk, ir-reġim obbligatorju tax-xiri sfurzat joħloq riskji sinifikanti għal-likwidità tas-suq u għall-istabbiltà finanzjarja fl-UE, u jista' jipperikola l-kompetittività globali tal-UE. Għalhekk, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li jitwarrab ir-reġim obbligatorju tax-xiri sfurzat tas-

CSDR fl-intier tiegħu, filwaqt li jiġu introdotti mill-ġdid fir-Regolament dwar il-Bejgħ ta' Pożizzjoni Qasira d-dispożizzjonijiet ta' xiri sfurzat tal-kontroparti ċentrali (CCP) kontra bejgħ skopert ta' pożizzjoni qasira li diġà kien jeżisti qabel is-CSDR.

Fl-istess ħin, huwa jipproponi li jissaħħaħ ir-reġim tal-penali billi tiġi inkluża kontroreferenza għall-Punt ta' Azzjoni Uniku Ewropew (ESAP) li jmiss li għandu jipprovdi lill-atturi tas-suq sors ċentralizzat ta' data ta' referenza għall-kalkolu tal-penali hekk kif dan ikun operazzjonali.

Modifika oħra għar-reġim tal-penali tikkonsisti fl-għoti lill-ESMA tal-possibbiltà li tiddetermina livell adegwat ta' effiċjenza tas-saldu. Dan jista' jikkontribwixxi għal valutazzjonijiet perjodiċi tal-impatt tal-penali fuq l-effiċjenza tas-saldu, u fejn xieraq jipprovdi gwida għall-kalibrar mill-ġdid tat-tariffi rilevanti.

- **Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji**: simplifikazzjoni tar-rekwiżiti biex jiġi aġevolat il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji

Minflok ma jinħolqu kulleġġi għall-passaporti u kulleġġi għas-CSDs li jappartjenu lil gruppi b'żewġ CSDs jew aktar, ir-Rapporteur jemmen li l-proposta dwar ir-REFIT tas-CSDR tista' tiġi ssimplifikata billi jintalab li jinħoloq tip wieħed ta' kulleġġi bbażat fuq kriterju affidabbli eżistenti wieħed, l-importanza sostanzjali ta' CSD fi Stat Membru. Huwa jissuġġerixxi li jiġi stabbilit il-limitu għall-istabbiliment obbligatorju ta' kulleġġ ta' superviżuri fejn CSD ikun sar ta' importanza sostanzjali għal mill-inqas żewġ Stati Membri ospitanti.

Ir-Rapporteur tagħkom jipproponi li tali kulleġġi tas-superviżuri jingħataw il-kapaċità li jivvutaw permezz ta' proċess ta' maġġoranza sempliċi dwar opinjonijiet vinkolanti li jikkonċernaw il-proċessi ta' rieżami u evalwazzjoni tas-CSDs u tal-forniturі ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju, l-estensjoni jew l-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet u s-servizzi, u l-ksur potenzjali tar-rekwiżiti tas-CSDR li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi fi Stat Membru ospitanti. Huwa jagħti wkoll parir li l-ESMA u, fejn xieraq, l-EBA, jingħataw drittijiet sħaħ tal-vot f'tali kulleġġi, li b'hekk għandhom ikunu jistgħu jindirizzaw kwistjonijiet ta' konverġenza superviżorja.

- **Servizzi anċillari tat-tip bankarju**: it-tisħiħ tal-gwida u r-rekwiżiti

Ir-Rapporteur tagħkom jaqbel li s-CSDs li ma jkunux awtorizzati biex jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju għandhom ikunu jistgħu joffru ċertu ammont ta' saldu f'munita barranija permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet ta' kreditu, f'limitu xieraq ta' riskju li jrid jiġi ffissat mill-EBA. Filwaqt li jieħu perspettiva prudenti, huwa jirrakkomanda li tiġi pprovduta gwida aktar granulari fil-Livell I dwar liema kunsiderazzjonijiet l-EBA għandha tqis meta tistabbilixxi l-limitu u r-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskju u ta' mitigazzjoni prudenzjali li jakkumpanjawh. Tali kunsiderazzjonijiet għandhom b'mod partikolari jinkludu l-istabbiltà possibbli tas-suq u l-implikazzjonijiet ta' kundizzjonijiet ekwi, il-ħtieġa li tiġi evitata bidla mhux intenzjonata mis-saldu fi flus tal-bank ċentrali għal saldu fi flus tal-banek kummerċjali, u gwida globali eżistenti bħall-Prinċipji għall-Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji (PFMI). Barra minn hekk, huwa jissuġġerixxi li l-ESMA tingħata r-responsabbiltà li timmonitorja l-konformità mal-limitu.

Barra minn hekk, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-BĊE, ir-Rapporteur tagħkom jipproponi li jiġi limitat b'mod espliċitu l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi li għandhom jiġu offruti mis-CSDs bankarji lis-CSDs utenti għal servizzi li huma pprovduti għall-finijiet tas-saldu f'muniti barranin, u l-allinjament tal-frekwenza minima għar-rieżami u l-evalwazzjoni tal-konformità mas-CSDR tas-servizzi anċillari tat-tip bankarju mal-frekwenza tar-rieżami u l-evalwazzjoni tas-CSDs, filwaqt li dik il-frekwenza tiġi estiża għal sentejn.

- **Passaportar**: it-tnaqqis tal-ostakli għall-ħruġ ta' titoli ta' dejn fi Stat Membru ieħor

Il-liġijiet korporattivi nazzjonali mhumiex rilevanti ħafna għat-titoli għajr l-ishma. Kif ġie enfasizzat mill-ESMA fir-rapport tagħha ta' Novembru 2020 dwar il-forniment ta' servizzi transfruntiera mis-CSDs, id-dispożizzjonijiet attwali tas-CSDR dwar il-passaportar jidhru f'dan ir-rigward ta' piż u kumplessità bla bżonn, speċjalment għall-bonds. Ir-Rapporteur tagħkom jissuġġerixxi approċċ aktar proporzjonat billi jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu għas-CSDs li jissottomettu informazzjoni għal strumenti finanzjarji kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor għall-ishma.

- **Kalkolu fuq Bażi Netta (Netting)**: introduzzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi

Wara parir mill-BĊE, ir-Rapporteur tagħkom jipproponi li jiġu introdotti rekwiżiti speċifiċi biex jiġu indirizzati r-riskji li jirriżultaw mis-CSDs li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli li

jużaw arranġamenti ta' netting, irrispettivament minn jekk is-CSDs jipprovdux servizzi anċillari tat-tip bankarju jew le.

- **Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI)**: introduzzjoni ta' obbligu ta' LEI għall-emittenti

L-identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) huwa l-uniku element ta' data li jippermetti li jiġu identifikati b'mod uniku u mhux ambigwu l-emittenti ta' strumenti finanzjarji. L-użu tal-LEI jiżgura li d-data rrapportata tkun ta' kwalità tajba u jaġevola l-kompiti ta' monitoraġġ tal-awtoritajiet superviżorji. Filwaqt li l-LEI diġà huwa meħtieġ għal diversi entitajiet skont regoli multipli, bħalissa l-ebda waħda minn dawn ir-regoli ma tapplika direttament għall-emittenti kollha li jużaw is-servizzi ta' CSD. Ir-Rapporteur tagħkom, għalhekk, jirrakkomanda li l-emittenti jiġu obbligati jużaw LEI.

- **Rieżami**: il-ħtieġa li titqies l-adozzjoni possibbli ta' ċiklu ta' saldu T+1 u l-esperjenza bir-reġim pilota tat-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT)

Ir-Rapporteur tagħkom huwa tal-fehma li, matul ir-rieżami li jmiss tas-CSDR, il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkunsidra l-benefiċċji u l-kosti potenzjali li ċ-ċaqliqa lejn ċiklu ta' saldu T+1 tkun tirrappreżenta f'dawk li huma riskji tal-kontroparti, tas-suq, tal-kreditu u operazzjonali, il-kompetittività globali u l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE, u l-fattibbiltà fil-kuntest tal-livell ta' effiċjenza tas-saldu. Bi tħejjija għas-suq tat-titoli diġitali tal-futur, huwa jissuġġerixxi wkoll li r-rieżami li jmiss tas-CSDR għandu jqis ukoll it-tagħlimiet meħuda mill-esperjenza bir-reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit (ir-"reġim pilota tad-DLT").

**4. It-triq 'il quddiem**

Ir-Rapporteur tagħkom jenfasizza li l-abbozz tar-rapport tiegħu jikkostitwixxi biss punt tat-tluq għall-ħidma tal-Kumitat ECON dwar ir-rieżami tar-REFIT tas-CSDR. Huwa jistenna bil-ħerqa l-kontributi tax-shadow rapporteurs, li huwa se javviċina b'moħħ miftuħ u attitudni kostruttiva.